



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0171/2013

13.5.2013

***|

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati
(COM(2011)0778 – C7-0461/2011 – 2011/0389(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Sajjad Karim

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa **grassa u korsiva**. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidendifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inħuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

| | |
|---|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW | 5 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI | 60 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA..... | 71 |
| PROċEDURA | 84 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati

(COM(2011)0778 – C7-0461/2011 – 2011/0389(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0778),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0461/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mill-Parlament Slovakk u l-Parlament Svediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fejn huwa ddikjarat li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' April 2012¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0171/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 191, 29.6.2012, p. 61.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Sabiex id-ditti tal-awditjar ikunu jistgħu jikbru, l-Istati Membri għandhom iħalluhom li jkollhom aċċess għal kapital estern. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma għandhomx jibqgħu jeħtieġu li ammont minimu ta' kapital jew ta' drittijiet tal-vot f'ditta tal-awditjar ikun tal-awdituri statutorji jew tad-ditti tal-awditjar, jekk il-parti l-kbira tal-membri tal-korp amministrattiv huma ditti tal-awditjar approvati fi kwalunkwe Stat Membru jew awdituri statutorji b'reputazzjoni tajba.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Segwitu għat-tħassir ta' parteċipazzjoni mhux ristretta ta' kumpaniji kummerċjali.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Filwaqt li r-responsabilità primarja għall-għoti ta' informazzjoni finanzjarja għandha tibqa' f'idejn il-management tal-entitajiet awditjati, l-awdituri għandhom ir-rwol li jikkontestaw b'mod attiv lill-management minn perspettiva ta' utent. Għalhekk, biex titjieb il-kwalità tal-awditjar, huwa importanti li jissahħħah ix-xettiċiżmu professjonal eżerċitat minn awdituri lejn l-entità awditjata. L-awdituri għandhom jirrikonox Xu l-possibilità li jista' jkun hemm dikjarazzjoni skorretta materjali minħabba frodi jew żball, minkejja l-esperjenza tal-passat tal-

awditur dwar l-onestà u l-integrità tal-management tal-entità awditjata.

(*Il-premessa 16 tal-parti 1 mir-Regolament COM(2011)0779*)

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) *Sabiex tiżdied l-indipendenza tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar mill-entità awditjata meta jitwettqu awditi statutorji, kwalunkwe persuna jew entità li jkollha d-drittijiet f'ditta tal-awditjar għandha tkun indipendenti mill-entità awditjata u ma għandhiex tkun involuta fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-entità awditjata.*

Emenda

(6) *Awdituri, ditti tal-awditjar u l-impiegati tagħhom għandhom b'mod partikolari jibqgħu lura milli jwettqu l-awditu statutorju ta' entità jekk għandhom interess kummerċjali jew interess finanzjarju fiha u milli jinvolvu ruħħom fin-negożjar ta' strumenti finanzjarji maħruġin, iggarantiti jew inkella appoġġati minn entità awditjata, għajr parteċipazzjonijiet fi skemi diversifikati ta' investiment kollettiv. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jibqgħu lura mill-proċessi interni ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-entità awditjata. Awdituri statutorji jew l-impiegati tagħhom m'għandhomx jitħallew iwettqu dmirijiet fl-entità awditjata fuq livell maniġerjali jew ta'bord, sakemm ikun għadda perjodu ta' żmien xieraq sa minn tniem l-inkarigu tal-awditjar.*

(*Il-premessa 9 mir-Regolament COM(2011)0779*)

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 6a (ġidida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) *Huwa importanti li l-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar jirrispettaw id-drittijiet għall-ħajja privata u l-*

protezzjoni tad-data tal-klijenti tagħhom. Għalhekk huma għandhom ikunu marbuta b'regoli stretti dwar il-konfidenzjalitā u s-segretezza professjonal li, madankollu, m'għandhomx jimpedixxu l-infurzar adegwat ta' din id-Direttiva jew il-kooperazzjoni mal-awditur tal-grupp matul it-twettiq tal-awditu tar-rapporti finanzjarji konsolidati meta l-impriża prinċipali tkun f'pajjiż terz, diment li jkun hemm konformità mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data¹. Madankollu, tali regoli ma għandhomx jippermettu awditur statutorju jew ditta tal-awditjar li jikkooperaw ma' awtoritatiet ta' pajjiżi terzi barra mill-kanali ta' kooperazzjoni previsti fil-Kapitolu XI tad-Direttiva 2006/43/KE. Dawk ir-regoli ta' kunfidenzjalitā għandhom japplikaw ukoll għal-kwalunkwe awditur statutorju jew ditta tal-awditjar li jkunu waqfu milli jibqgħu involuti f'kompli ta' awditjar speċifiku.

¹. *ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.*

(Il-premessa 14 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) Organizzazzjoni interna adegwata tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar għandha tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe theddid għall-indipendenza tagħhom. B'hekk, is-sidien jew l-azzjonisti ta' ditta tal-awditjar, kif

ukoll dawk li jimmaniġġjawha, m'għandhomx jintervjenu fit-twettiq ta' awditu statutorju b'xi mod li jista' jfixkel l-indipendenza u l-oġġettivitā tal-awditur li jwettaq l-awditu statutorju f'isem id-ditta tal-awditjar. Barra minn hekk, awdituri statutorji u ditti tal-awditjar għandhom jistabbilixxu politiki u proċeduri interni xierqa fir-rigward tal-impreġġati u persuni oħra involuti fl-attività ta' awditjar statutorju fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom sabiex tkun żgurata l-konformità mal-obbligi statutorji tagħhom. Dawk il-politiki u l-proċeduri għandhom b'mod partikolari jfittxu li jipprevjenu u jindirizzaw kwalunkwe theddid għall-indipendenza u jiżguraw il-kwalità, l-integrità u r-reqqa tal-awditjar statutorju. Dawk il-politiki u l-proċeduri għandhom ikunu proporzjoni minħabba l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar.

(Il-premessa 8 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 6c (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) L-awditu statutorju jirriżulta f'opinjoni dwar il-verità u l-korrettezza tar-rapporti finanzjarji tal-entitajiet awditjati. Madankollu, il-partijiet interessati jistgħu ma jkunux konxji tal-limitazzjonijiet ta' awditu (materjalità, tekniki ta' kampjunar, rwol tal-awditur fil-qbid tal-frodi u r-responsabilità tal-manigħers), li jistgħu jwasslu għal diskrepanza fl-istenniji. Sabiex titnaqqas tali diskrepanza, huwa importanti li tkun ipprovduta aktar ċarezza dwar x'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-awditu

statutorju.

(*Il-premessa 15 mir-Regolament COM(2011)0779*)

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 6d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6d) L-iżgurar tal-kwalità tal-awditjar għandu jkun il-kriterju ewlieni applikat meta jiġi organizzat ix-xogħol tal-awditjar u meta jiġu allokati r-riżorsi neċessarji għall-kompi. L-integrità tal-awditur statutorju, id-ditta tal-awditjar u l-persunal tagħhom hija essenzjali biex tkun żgurata l-fiduċja tal-pubbliku fl-awditi statutori u s-swiegħ finanzjarji. Għaldaqstant, kull inċident li jista' jkollu konsegwenzi serji għall-integrità tal-attivitàajiet ta' awditjar statutorju għandu jiġi mmaniġġat kif xieraq. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jiddokumentaw b'mod xieraq ix-xogħol tal-awditjar.

(*Il-premessa 16, parti 2 mir-Regolament COM(2011)0779*)

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 6e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6e) Rieżami tajjeb tal-kontroll intern tal-kwalità tax-xogħol imwettaq f'kull inkarigu ta' awditjar statutorju għandu jwassal għal kwalità għolja tal-awditjar. Għaldaqstant, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar ma għandhomx joħorġu r-rapport tal-awditjar tagħhom sakemm ikun tlesta r-rieżami tal-kontroll intern tal-kwalità.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Huwa importanti li tiġi żgurata kwalità għolja tal-awditi statutorji fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, l-awditi statutorji kollha għandhom jitwettqu fuq il-bażi tal-istandardi internazzjonali tal-awditjar ***li huma parti mill-Proġett ta' Kjarifika maħruġ mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC – International Federation of Accountants) fl-2009*** sa fejn jgħoddu għall-awditi statutorju. L-Istati Membri għandhom jitħallew jimponu proċeduri jew rekwiżiti nazzjonali addizzjonali ta' awditjar biss jekk dawn jirriżultaw minn rekwiżiti ġuridiċi nazzjonali speċifiċi relatati *mal-ambitu tal-awditjar* statutorju tar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati, jiġifieri dawk ir-rekwiżiti ma ġewx koperti ml-istandardi internazzjonali tal-awditjar adottati, u biss jekk dawn iżidu l-kredibilità u l-kwalità tar-rapporti finanzjarji annwali u r-rapporti finanzjarji konsolidati ***u jwasslu għall-ġid komuni tal-Unjoni.*** Il-Kummissjoni għandha tkompli tkun involuta fil-monitoraġġ tal-kontenut u tal-proċess ta' adozzjoni tal-istandardi internazzjonali tal-awditjar ***mill-IFAC.***

Emenda

(7) Huwa importanti li tiġi żgurata kwalità għolja tal-awditi statutorji fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, l-awditi statutorji kollha għandhom jitwettqu fuq il-bażi tal-istandardi internazzjonali tal-awditjar maħruġa ***mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Auditjar u l-Aċċertament (IAASB)*** sa fejn jgħoddu għall-awditi statutorju. L-Istati Membri għandhom jitħallew jimponu proċeduri jew rekwiżiti nazzjonali addizzjonali ta' awditjar biss jekk dawn jirriżultaw minn rekwiżiti ġuridiċi ***jew regulatorji nazzjonali*** speċifiċi relatati *mal-kamp ta' applikazzjoni tal-awditu* statutorju tar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati, jiġifieri dawk ir-rekwiżiti ma ġewx koperti mill-istandardi internazzjonali tal-awditjar adottati, u biss jekk dawn iżidu l-kredibilità u l-kwalità tar-rapporti finanzjarji annwali u r-rapporti finanzjarji konsolidati. Il-Kummissjoni għandha tkompli tkun involuta fil-monitoraġġ tal-kontenut u tal-proċess ta' adozzjoni tal-istandardi internazzjonali tal-awditjar ***mill-IAASB.***

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Fil-każ tar-rapporti finanzjarji konsolidati, huwa importanti li jkun

hemm definizzjoni ċara tar-responsabilitajiet tal-awdituri statutorji li jawditjaw entitajiet differenti tal-grupp. Għal dan il-għan, l-awditur tal-grupp għandu jieħu r-responsabilità sħiħa f'idejh għar-rapport tal-awditjar.

(Il-premessa 17 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Is-sorveljanza pubblika tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar tinvolvi l-approvazzjoni, ir-reġistrazzjoni tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar, l-adozzjoni tal-istandard dwar l-etika professjonal u l-kontroll intern tal-kwalità tad-ditti tal-awditjar, l-edukazzjoni kontinwata, kif ukoll is-sistemi ta' garanzija tal-kwalită, l-investigazzjoni, u l-penali għall-awdituri statutorji u għad-ditti tal-awditjar. Sabiex tiżidied it-trasparenza tas-superviżjoni tal-awdituri u sabiex ikun jista' jkun hemm aktar responsabilità pubblika, kull Stat Membru għandu jaħtar awtorită waħda inkarigata mis-sorveljanza pubblika tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar. L-indipendenza ta' awtoritajiet ta' sorveljanza pubblika bħal dawn mill-professjoni tal-awditjar hija prerekwiżit ewljeni għall-integrità, l-effiċċenza u l-funzjonament korrett tas-sorveljanza pubblika tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar. Għaldaqstant, l-awtoritajiet ta' sorveljanza pubblika għandhom jiġu regolati minn dawk li ma jipprattikawx il-professjoni u l-Istati Membri għandhom jistabilixxu proċeduri indipendent u trasparenti għall-għażla ta' dawk li ma jipprattikawx il-professjoni.

imħassar

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Superviżjoni adegwata tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar li għandhom attivitajiet transfruntieri jew li jkunu parti min-netwerks teħtieġ li l-awtoritajiet ta' sorveljanza pubblika tal-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni. Sabiex tkun imħarsa l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li konsegwentement tista' tīgi skambjata, l-Istati Membri għandhom jissoġġettaw għall-obbligu ta' segretezza professjonal mhux biss lill-impiegati tal-awtoritajiet ta' sorveljanza pubblika, iżda anki lill-persuni kollha li ġew iddelegati lilhom kompiti mill-awtoritajiet ta' sorveljanza pubblika. *L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom il-possibilità li jiddelegaw kompiti lil awtoritajiet jew korpi oħra biss fir-rigward tal-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-awdituri statutorji. Delega bħal din għandha tkun soġġetta għal diversi kundizzjonijiet u l-awtorità kompetenti għandha tassumi r-responsabilità finali għaliha.*

Emenda

(11) Superviżjoni adegwata tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar li għandhom attivitajiet transfruntieri jew li jkunu parti min-netwerks teħtieġ li l-awtoritajiet ta' sorveljanza pubblika tal-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni. Sabiex tkun imħarsa l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li konsegwentement tista' tīgi skambjata, l-Istati Membri għandhom jissoġġettaw għall-obbligu ta' segretezza professjonal mhux biss lill-impiegati tal-awtoritajiet ta' sorveljanza pubblika, iżda anki lill-persuni kollha li ġew iddelegati lilhom kompiti mill-awtoritajiet ta' sorveljanza pubblika.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Il-kumitati tal-awditjar, jew korpi li jwettqu funzjoni ekwivalenti fi ħdan entità awditjata, għandhom rwol deċiżiv fil-kontribuzzjoni għal awditu statutorju ta' kwalità għolja. Huwa partikolarment importanti li l-indipendenza u l-

kompetenza teknika tal-kumitat tal-awditjar jissaħħu billi jkun meħtieġ li maġġoranza tal-membri tiegħu tkun indipendenti u li għallinqas membru wieħed tal-kumitat ikollu kompetenza fl-awditjar u membru ieħor fl-awditjar u/jew kontabilità. Ir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Frar 2005 dwar irrwol ta' diretturi mhux eżekuttivi jew superviżorji ta' kumpaniji elenkti u dwar il-kumitat tal-bord (superviżorju) tistabbilixxi kif għandhom jiġu stabbiliti u kif għandhom jaħdmu l-kumitat tal-awditjar. Madankollu, jekk wieħed jikkunsidra d-dimensjoni tal-bordijiet fil-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni tas-suq imnaqqa u f'entitajiet ta' interess pubbliku żgħar u medji, ikun xieraq li l-funzjonijiet assenjati lill-kumitat tal-awditjar għal dawk l-entitajiet, jew lil korp li jwettaq funzjonijiet ekwivalenti fi ħdan l-entità awditjata, ikunu jistgħu jitwettqu mill-korp amministrattiv jew superviżorju b'mod ġenerali.

(*Parti tal-Premessa 23 mir-Regolament COM(2011)0779*)

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-piżżejjiet fuq impriżi żgħar u medji fi ħdan l-Unjoni b'rabta mal-awditjar tar-rapporti finanzjarji tagħhom għandhom jiġu reveduti għall-minimu meħtieġ mingħajr ma tīġi kompromesa l-protezzjoni tal-investituri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tal-istandardi tal-awditjar li skonthom jitwettaq *l-awditjar* statutorju tar-rapporti finanzjarji ta' dawn l-impriżi tkun proporzjonata għall-iskala tal-impriżi żgħar u medji.

Emenda

(13) Il-piżżejjiet fuq impriżi żgħar u medji fi ħdan l-Unjoni b'rabta mal-awditjar tar-rapporti finanzjarji tagħhom għandhom jiġu reveduti għall-minimu meħtieġ mingħajr ma tīġi kompromesa l-protezzjoni tal-investituri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tal-istandardi tal-awditjar li skonthom jitwettaq *l-awditu* statutorju tar-rapporti finanzjarji ta' dawn l-impriżi tkun proporzjonata għall-iskala tal-impriżi żgħar u medji. **Għandu jitqies ukoll il-fatt li l-impriżi żgħar u medji jeżistu f'daqsijiet differenti u li, barra**

*minn hekk, l-operazzjonijiet tagħhom
ivarjaw fil-kumplessità.*

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Sabiex jiġu ppreżervati d-drittijiet tal-partijiet konċernati meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' dokumentazzjoni tal-auditjar jew dokumenti relevanti oħra għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-auditjar imwettaq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti ta' ħidma mdaħħla mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li fuq il-bażi tagħhom iseħħ kwalunkwe skambju ta' dokumenti bħal dawn jinkludu biżżejjed salvagwardji li jħarsu s-segretezza tan-negozju, l-interessi kummerċjali, inklużi d-drittijiet tal-propjetà intellettuali u industrjali tal-entitajiet awditjati.

Emenda

(15) Sabiex jiġu ppreżervati d-drittijiet tal-partijiet konċernati meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' dokumentazzjoni tal-auditjar jew dokumenti relevanti oħra għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-auditjar imwettaq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti ta' ħidma mdaħħla mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li fuq il-bażi tagħhom iseħħ kwalunkwe skambju ta' dokumenti bħal dawn jinkludu biżżejjed salvagwardji li jħarsu s-segretezza tan-negozju, l-interessi kummerċjali, inklużi d-drittijiet tal-propjetà intellettuali u industrjali tal-entitajiet awditjati. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-arranġamenti jikkonformaw u jkunu kompatibbli mad-dispożizzjoniċċi tħalli. Direttiva 95/46/KE.**

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari t-tiċċihi **tal-protezzjoni** tal-investituri fir-rapporti finanzjarji ppubblikati mill-impriżi billi titjeb ulterjorment il-kwalità tal-awditi statutorji mwettqa fi ħdan l-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċċenti mill-Istati

Emenda

(20) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari t-tiċċihi **tal-fiduċja fil-verità u l-korrettezza** tal-investituri fir-rapporti finanzjarji ppubblikati mill-impriżi billi titjeb ulterjorment il-kwalità tal-awditi statutorji mwettqa fi ħdan l-Unjoni, ma jistax

Membru u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effett tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif *stabilit* fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istat
Membru u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effett tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif *stabilit* fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt a

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Żdiedu l-paragrafi li ġejjin:

‘**L-Artikoli 22, 25 u 27 sa 30** ta’ din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għall-verifika statutorja [*awditjar statutorju*] ta’ kontijiet annwali u kkonsolidati ta’ entitajiet ta’ interess pubbliku sakemm dan mhuwiex spċifikat fir-Regolament (UE) Nru [xxx].

L-Artikoli 32 sa 36 ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw fir-rigward tal-entitajiet ta’ interess pubbliku sa fejn huma relatati mas-superviżjoni tal-konformità mar-regoli dwar l-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-awditi statutorji u tad-ditti tal-awditjar stabiliti fl-Artikoli 3 sa 20.’.

Emenda

(a) Żdiedu l-paragrafi li ġejjin:

‘**L-Artikoli 25, 28 u 29** ta’ din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għall-verifika statutorja [*awditu statutorju*] ta’ kontijiet annwali u kkonsolidati ta’ entitajiet ta’ interess pubbliku sakemm dan mhuwiex spċifikat fir-Regolament (UE) Nru [xxx].

L-Artikoli 32 sa 36 ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw fir-rigward tal-entitajiet ta’ interess pubbliku sa fejn huma relatati mas-superviżjoni tal-konformità mar-regoli dwar l-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-awditi statutorji u tad-ditti tal-awditjar stabiliti fl-Artikoli 3 sa 20.’.

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt a

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(c) volontarjament imwettaq minn impriziż
żgħar’;** *imħassar*

Ġustifikazzjoni

L-awditi volontarju ta' kumpaniji żgħar m'għandux bżonn jiġi rregolat.

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – punt aa (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) Il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

**'5. "awditur ta' pajjiż terz" tfisser persuna
fiżika li twettaq awditi tal-kontijiet
annwali jew konsolidati ta' kumpanija
inkorporata f'pajjiż terz ħlief meta dik il-
persuna tkun awditur statutorju jew ditta
tal-awditjar u l-inkarigu tal-awditjar tal-
pajjiż terz ikun soġġett għal sorveljanza
minn Stat Membru;**

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – punt b

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

'10. 'awtoritajiet kompetenti' tfisser l-awtoritajiet maħtura mil-liġi li jkunu inkarigati mir-regolamentazzjoni u/jew mis-sorveljanza tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar jew ta' aspetti speċifiċi minnhom; ir-referenza għal 'awtorità kompetenti' f'Artikolu speċifiku tfisser referenza għall-awtorità

'10. 'awtoritajiet kompetenti' tfisser l-awtoritajiet maħtura mil-liġi li jkunu inkarigati mir-regolamentazzjoni u/jew mis-sorveljanza tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar jew ta' aspetti speċifiċi minnhom; ir-referenza għal 'awtorità kompetenti' f'Artikolu speċifiku tfisser referenza għall-awtorità **jew korp/i**

responsabili mill-funzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu;';

responsabili mill-funzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu;';

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – punt d

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni

- (d) Il-punt 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:
‘13. ‘entitajiet ta’ interess pubbliku’ tfisser **impriżi li huma**:
- (a) entitajiet regolati mid-dritt ta’ Stat Membru li t-titoli trasferibbli tagħhom huma ammessi għan-negozjar f’suq regolat ta’ kwalunkwe Stat Membru fis-sens tal-punt 14 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;
- (b) istituzzjonijiet ta’ kreditu kif iddefiniti fil-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*);
- (c) impriżi tal-assigurazzjoni fis-sens **tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(**)**;
- (d) entitajiet *regolati mid-dritt ta’ Stat Membru li jkunu istituzzjonijiet ta’ pagament kif iddefiniti fil-punt 4 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(***)*, sakemm ma jkunx japplika l-Artikolu 15(2) ta’ dik id-Direttiva;
- (e) entitajiet *regolati mid-dritt ta’ Stat Membru li jkunu istituzzjonijiet ta’ flus elettroniċi kif iddefiniti fil-punt 1 tal-*

Emenda

- (d) Il-punt 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:
‘13. ‘entitajiet ta’ interess pubbliku’ tfisser **impriżi li huma**:
- (a) entitajiet regolati mid-dritt ta’ Stat Membru li t-titoli trasferibbli tagħhom huma ammessi għan-negozjar f’suq regolat ta’ kwalunkwe Stat Membru fis-sens tal-punt 14 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;
- (b) istituzzjonijiet ta’ kreditu kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tal-14 ta’ Ġunju 2006 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 2 ta’ dik id-Direttiva(*)**,
- (c) impriżi tal-assigurazzjoni skont it-tifsira **tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta’ Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali ta’ impriżi tal-assigurazzjoni, jew;**
- (d) *innominati mill-Istati Membri bħala entitajiet ta’ interess pubbliku, bħal pereżempju impriżi li jkunu ta’ relevanza pubblika sinifikanti minħabba n-natura tan-negozju tagħhom, id-daqs tagħhom jew in-numru ta’ impiegati tagħhom;*

*Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(****), sakemm ma jkunx japplika l-*

Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2007/64/KE;

(f) ditti tal-investiment kif iddefiniti fil-punt 1 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;

*(g) fondi ta' investiment alternativi tal-UE kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1)(k) tad-Direttiva 2011/61/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*****);*

*(h) impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS – undertakings for collective investment in transferable securities) kif iddefiniti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*****);*

(i) entitajiet regolati mid-dritt ta' Stat Membru li jkunu depożitorji ċentrali tat-titoli;

*(j) kontropartijiet ċentrali kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament X/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*****)[ara l-proposta għal Regolament dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u depożitorji tat-tranżazzjonijiet, COM(2010)484];*

(*) ĠU L 177, 30.6.2006, p.1.

(*) ĠU L 177, 30.6.2006, p.1.

(**) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

(***) ĠU L 319, 5.12.2007, p.1.

(****) ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7.

(*****) ĠU L 174, 1.7.2011, p.1.

(******) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32;

(******) ĠU L'

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3 – punt b – punt i

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagraphu 1 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

(i) *fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) huwa mneħħi;*

Emenda

imħassar

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3 – punt b – punt iii

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

(iii) it-tieni subparagrafu huwa *sostitwit b'dan li ġej:*

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu kundizzjonijiet addizzjonali biss fir-rigward ta' punt (c). L-Istati Membri ma għandhomx jitħallew jeħtieġu li ammont minimu ta' kapital jew ta' drittijiet tal-vot f'ditta tal-awditjar ikun ta' awdituri statutorji jew ta' ditti tal-awditjar. .

Emenda

(iii) it-tieni subparagrafu huwa *mħassar.*

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 32 għandhom jikkooperaw bil-ġhan li tinkiseb konverġenza tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu. **Għandhom jikkooperaw mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) u mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu X tar-Regolament [XXX] ta' [XXX] sa fejn konverġenza bħal din tkun relatata mal-awditu statutorju ta' entitajiet ta' interess**

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 32 għandhom jikkooperaw bil-ġhan li tinkiseb konverġenza *minima* tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu. **Meta jimpenjaw ruħhom f'tali kooperazzjoni, dawn l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqis u żviluppi fl-awditjar u fil-professjoni tal-awditjar, u b'mod partikolari, il-konverġenza li digħà ntilaqet mill-**

pubbliku.

professjoni.

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – punt b

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-paragrafu 3 huwa **sostitwit b'dan li
ġej:**

*‘Il-Kummissjoni għandha tingħata s-
setgħa li tadotta atti delegati skont l-
Artikolu 48a bl-iskop li tadatta l-lista ta’
suġġetti li għandhom jiġu inklużi fit-test
tal-għarfien teoretiku msemmi fil-
paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu. Meta
jintużaw setgħat bħal dawn, il-
Kummissjoni għandha tqis l-iżviluppi fl-
awditjar u l-professjoni tal-awditjar.’*

(b) il-paragrafu 3 huwa **mħassar
ġej:**

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-perjodu ta’ adattament ma għandux
jaqbeż it-tliet snin u għandu jkun soġġett
għal valutazzjoni.

Il-perjodu ta’ adattament ma għandux
jaqbeż it-tliet snin u għandu jkun soġġett
għal valutazzjoni ***tal-livell tal-kompetenza
professjonal mil-huqa permezz tal-
applikazzjoni tal-liġi nazzjonali relatata
mal-awditi.***

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fl-Artikolu 15(1), huwa miżjud is-subparagrafu li ġej:

imħassar

'Ir-reġistru pubbliku għandu jkun organizzat mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 32.'

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 9

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

‘jekk applikabbli, jekk id-ditta tal-awditjar hijiex reġistrata skont ***l-Artikoli 3a u 3b.***’.

‘jekk applikabbli, jekk id-ditta tal-awditjar hijiex reġistrata skont ***l-Artikolu 3b.***’.

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10a (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10a. Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:

2a. Meta jwettqu l-awditu statutorju, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jibqgħu jħaddnu x-xettiċiżmu professjonal matul l-awditu, billi jirrikoxxu l-possibilità li jista' jkun hemm dikjarazzjoni skorretta materjali minħabba fatti jew imġiba li jindikaw irregolaritajiet, inklużi frodi jew żbalji minkejja l-esperjenza tal-passat tal-

awditur jew tad-ditta tal-onestà u l-integrità tal-maniġment tal-entità awditjata u tal-persuni inkarigati mill-governanza tagħha, kif meħtieġ mill-istandards internazzjonali msemmija fl-Artikolu 26.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, 'xetiċiżmu professionali' tfisser attitudni li tinkludi rieda li persuna tistaqsi, tkun konxja mill-kundizzjonijiet li jistgħu jindikaw possibilità ta' dikjarazzjoni skorretta minħabba żball jew frodi u valutazzjoni kritika tal-evidenza tal-awditjar.

(L-Artikolu 15 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11 – punt a

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jitwettaq *awditjar* statutorju, ***l-awditur*** statutorju ***u/jew id-ditta*** tal-awditjar u kwalunkwe ***detentur tad-drittijiet tal-vot fid-ditta tal-awditjar ikunu*** indipendenti mill-entità awditjata ***u ma jkunux involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-entità awditjata.***

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jitwettaq *awditu* statutorju, awditur statutorju jew ditta tal-awditjar u kwanlunkwe ***persuna fiżika f'pożizzjoni li tista' tinfluwenza b'mod dirett jew indirett ir-riżultat tal-awditu statutorju jkunu*** indipendenti mill-entità awditjata.

*Għandha tkun meħtieġa indipendenza kemm matul il-perjodu kopert mir-rapporti finanzjarji li għandhom jiġu awditjati kif ukoll il-perjodu li matulu jitwettaq ***l-awditu statutorju***.*

L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar m'għandhomx iwettqu awditu statutorju jekk ikun hemm kwalunkwe theddida ta' awtorieżami, awtointeress, appoġġ, familjaritā jew intimidazzjoni

maħluqa minn relazzjonijiet finanzjarji, personali, kummerċjali, tal-impjieg jew relazzjonijiet oħra bejn:

l-awditur statutorju, id-ditta tal-awditjar, in-netwerk tagħha, u kwalunkwe persuna fiżika f'pożizzjoni li tinfluwenza r-riżultat tal-awditu statutorju, u

l-entità awditjata;

li għaliha parti terza oġġgettiva, raġonevoli u infurmata, b'kunċiderazzjoni tas-salvagwardji applikati, tikkonkludi li l-indipendenza tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar tkun kompromessa.

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11 – punt b

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *fil-paragrafu 2, jitħassar it-tieni subparagrafu;*

Emenda

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

2. Awditur statutorju, ditta tal-awditjar, is-sħab ewlenin tagħhom tal-awditjar, l-impiegati tagħhom kif ukoll kwalunkwe persuna fiżika oħra li s-servizzi tagħha jitpoġġew għad-dispożizzjoni jew taħt il-kontroll ta' tali awditur jew ditta u li tkun involuta direttament fl-attivitàajiet tal-awditu statutorju, u persuni assoċjati magħhom mill-qrib fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/72/KE m'għandhomx:

(a) ikunu sidien ta' kwalunkwe strument finanzjarju tal-entità awditjata, tal-impriża prinċipali li għaliha l-entità awditjata hija materjali, jew ta' kwalunkwe entità li l-informazzjoni finanzjarja tagħha hija inkorporata fir-rapporti finanzjarji tal-entità awditjata, għajr interassi li jkunu sidien tagħhom b'mod indirett permezz ta' skemi

diversifikati ta' investiment kollettiv, inklużi fondi mmaniġġjati bħal fondi ta' pensjonijiet jew assigurazzjoni fuq il-ħajja;

(b) ikollhom jekk kellhom fit-tanax-il xahar preċedenti kwalunkwe relazzjoni personali, ta' negozju, ta' impjiieg jekk relazzjoni oħra mal-entità awditjata, l-impriża prinċipali li għaliha l-entità awditjata hija materjali, jekk ta' kwalunkwe entità li l-informazzjoni finanzjarja tagħha hija inkorporata fir-rapporti tal-entità awditjata li tista' tikkomprometti jekk tiġi perċepita b'mod ġenerali minn parti terza oġġettiva, raġonevoli u infurmata bħala li qed tikkomprometti l-indipendenza tal-awditure statutorju jekk tad-ditta tal-awditure.

(L-Artikolu 7 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11 – punt ba (ġdid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 22 – paragrafi 2a u 2b (ġoddha)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Fl-Artikolu 22, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

2a. Il-persuni jekk id-ditti li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 2 m'għandhomx jitolbu jekk jaċċettaw rigali, ospitalità jekk favuri simili mingħand l-entità awditjata hlieff każ li parti terza oġġettiva, raġonevoli u infurmata tikkunsidra l-valur tagħhom bħala trivjali jekk irrilevanti.

2b. Jekk, matul il-perjodu kopert mir-rapporti finanzjarji, entità awditjata tinkiseb minn entità, tingħaqad magħha jekk takkwistaha, li għaliha jaapplikaw l-Artikoli 22 u 22a ta' din id-Direttiva u l-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolament XX/XX, l-

awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jidentifikaw jew jevalwaw kwalunkwe interess jew relazzjoni attwali jew riċenti - inklużi relazzjonijiet li jinvolvu l-provvediment ta' servizzi - ma' dik l-entità li, filwaqt illi jitqiesu s-salvagwardji disponibbli, jistgħu jikkompromettu l-indipendenza tagħha u l-abilità tagħha li tkompli bl-awditu statutorju wara d-data effettiva tal-fużjoni jew l-akkwist.

Kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ, fi żmien tliet xhur, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jieħdu dawk il-passi kollha li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jintemm kwalunkwe interess jew relazzjoni attwali li jistgħu jikkompromettu l-indipendenza tagħhom u għandhom, fejn possibbli, jadottaw salvagwardji sabiex jimminimizzaw kwalunkwe theddida għall-indipendenza tagħhom li tista' tirriżulta minn interassi u relazzjonijiet preċedenti u attwali.

(L-Artikolu 7 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-paragrafu 4 huwa **sostitwit b'dan li ġej:**

‘4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 48a bl-iskop li tispecċifika:

(a) it-theddid u s-salvagwardji msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) is-sitwazzjonijiet li s-sinifikanza tat-theddid fihom, kif imsemmi fil-paragrafu

Emenda

(c) il-paragrafu 4 huwa **mħassar**

2 ta' dan l-Artikolu, hija tali li l-indipendenza tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar hija f'riskju.'

Emenda 34

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 11a (ġdid)**

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

11a. Jiddaħħal l-Artikolu 22a li ġej:

L-Artikolu 22a (ġdid)

L-impieg ta' awdituri statutorji preċedenti jew ta' impjegati ta' awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awditur statutorju jew sieħeb prinċipali tal-awditjar li jwettqu awditu statutorju fissem ditta tal-awditjar m'għandhomx, qabel ma jkun għadda perjodu ta' mill-inqas sentejn minn meta jkunu irriżenjaw mill-kariga ta' awditur statutorju jew sieħeb prinċipali tal-awditjar mill-inkarigu tal-awditjar, iwettqu xi wieħed minn dawn id-dmirijiet li ġejjin:

(a) it-teħid ta' pożizzjoni maniġerjali prinċipali fi ħdan l-entità awditjata;

(b) isiru membru tal-kumitat tal-awditjar tal-entità awditjata jew, fejn dan il-kumitat ma jkunx jeżisti, tal-korp li jwettaq funzjonijiet ekwivalenti għal kumitat tal-awditjar;

(c) isiru membru mhux eżekuttiv tal-korp amministrattiv jew membru tal-korp superviżorju tal-entità awditjata.

2. Impjegati u sħab oħra għajr sħab ewlenija tal-awditjar ta' awditur statutorju jew ditta tal-awditjar li jwettqu awditu statutorju kif ukoll kwalunkwe persuna fīziķa oħra li s-servizzi tagħha jitpoġġew għad-dispożizzjoni jew taħt il-

kontroll ta' tali awditar jew ditta, meta dawn l-impiegati, sħab jew persuni fiżiċi oħra jiġu approvati bħala awdituri statutorji, qabel ma jkun skada perjodu ta' mill-inqas sena minn meta jkunu direttament involuti fl-inkarigu tal-awditjar statutorju, ma jwettquxi xi wieħed mid-dmirijiet imsemmija fil-punti (a), b) u (c) tal-paragrafu 1.

(L-Artikolu 8 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 35

Proposta għal direttiva

L-Artikolu 1 – punt 11b (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 23 – paragrafi 4a u 4c (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

11b. Fl-Artikolu 23, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

4a. Meta awditar statutorju jew ditta tal-awditjar iwettqu awditu statutorju ta' entità ta' interess pubbliku li hija parti minn grupp ta' impriżi li l-impriża prinċipali tagħhom tinsab f'pajjiż terz, ir-regoli dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonalni msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx iwaqqfu t-trasferiment mill-awditur statutorju jew mid-ditta tal-awditjar tad-dokumentazzjoni rilevanti tal-ħidma tal-awditjar imwettqa għall-awditur tal-grupp li jinsab f'pajjiż terz jekk it-tali dokumentazzjoni tkun esklussivament meħtieġa għat-tħejjija tal-awditjar tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-impriża prinċipali.

4b. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar li jwettqu awditu statutorju ta' entità ta' interess pubbliku li tkun ħarġet

titoli f'pajjiż terz jew li tagħmel parti minn grupp li joħroġ rapporti finanzjarji konsolidati statutorji f'pajjiż terz jistgħu jittrasferixxu biss id-dokumenti ta' hidmat-awditjar jew dokumenti oħra relatati mal-awditjar ta' dik l-entità li hu jew hi jżommu għall-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi terzi rilevanti taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47.

4c. It-trasferiment tal-informazzjoni lill-awditur tal-grupp li jinsab f'pajjiż terz isir b'konformità mal-Kapitolu IV tad-Direttiva 95/46/KE u mar-regoli nazzjonali applikabbi dwar il-protezzjoni tad-data personali.

(L-Artikolu 13 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11c (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 24a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

11c. Jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

L-Artikolu 24a (ġidid)

Organizzazzjoni interna tad-Ditti tal-Auditjar Statutorju

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti organizzattivi li ġejjin:

(a) ditta tal-awditjar għandha tistabbilixxi politiki u proċeduri adegwati sabiex tiżgura li s-sidien u l-azzjonisti tagħha kif ukoll il-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tad-ditta, jew ta' ditta affiljata, ma jintervjenu fit-twettiq ta' awditu statutorju b'xi mod li jippreġudika l-indipendenza u l-ogġġettività tal-awditur statutorju li jwettaq l-awditu statutorju f'isem id-ditta tal-

awditjar;

(b) awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom ikollhom proċeduri amministrattivi u ta' kontabilità sodi, mekkaniżmi ta' kontroll intern, proċeduri effettivi għall-valutazzjoni tar-riskju, u arranġamenti effettivi ta' kontroll u salvagwardja għal sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni.

Dawk il-mekkaniżmi ta' kontroll intern għandhom ikunu maħsuba biex jiżguraw konformità ma' deċiżjonijiet u proċeduri f'kull livell tad-ditta tal-awditjar jew tal-istruttura ta' ħidma tal-awditur statutorju.

Auditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jimplimentaw u jżommu proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet u strutturi organizzattivi li b'mod ċar u ddokumentat jispeċifikaw linji ta' rapportar u jallokaw funzjonijiet u responsabilitajiet;

(c) awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jiġib il-kontroll tagħha u kwalunkwe persuna fiżika oħra li s-servizzi tagħhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom jew taħt il-kontroll tagħhom u li huma involuti direttament fl-aktivitajiet ta' awditi statutorju jkollhom għarfien u esperjenza xierqa għad-dmirijiet assenjati;

(d) awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jiġib il-kontroll intern tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar u l-abilità tal-awtoritatijiet kompetenti li jissorveljaw il-konformità tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva;

(e) awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jiġib il-kontroll intern tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva;

arranġamenti organizzativi u amministrativi xierqa u effettivi biex jipprevjenu, jidentifikaw, jeliminaw jew jiġġestixxu u jiddivulgaw kwalunkwe theddida għall-indipendenza tagħhom, għajr waqt l-iżvolġiment normali tan-negozju, imsemmija fl-Artikolu 22(1);

(f) awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jistabbilixxu proċeduri u standards xierqa għat-twettiq ta' awditi statutorji, ikkowċejar, superviżjoni u rieżamijiet tal-attivitàjet tal-impiegati u l-organizzazzjoni tal-istruttura tal-fajl tal-awditjar imsemmi fl-Artikolu 25b(5);

(g) awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jistabbilixxu sistema ta' kontroll intern tal-kwalità sabiex jiżguraw il-kwalità tal-awditi statutorju. Is-sistema ta' kontroll tal-kwalità għandha mill-inqas tkopri l-proċeduri u l-istandardi deskritti fil-punt (f). Fil-każ ta' ditta tal-awditjar, ir-responsabilità tas-sistema ta' kontroll intern tal-kwalità għandha tkun f'idejn persuna li tikkwalifika bħala awditur statutorju;

(h) awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jużaw sistemi, riżorsi u proċeduri xierqa sabiex jiżguraw kontinwità u regolarità fit-twettiq tal-attivitàjet tagħhom ta' awditi statutorju;

(i) Awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jistabbilixxu wkoll arranġamenti organizzativi u amministrativi xierqa u effettivi għat-trattament u r-reġistrazzjoni ta' inċidenti li jkollhom jew jista' jkollhom konsegwenzi serji għall-integrità tal-attivitàjet tagħhom ta' awditi statutorju;

(j) awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandu jkollhom politiki adegwati ta' rimunerazzjoni jew ta' kondiżjoni tal-profitti li jipprovdu incenċitivi suffiċċenti ta' prestazzjoni sabiex jiżguraw il-kwalità tal-awditi. B'mod partikolari, l-ammont ta' dħul li l-awditur statutorju jew id-ditta tal-

awditjar jiksbu mill-bejgħ ta' servizzi mhux ta' garanzija lill-entità li tiġi awditjata ma għandux jifforma parti mill-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-kumpens ta' kwalunkwe persuna involuta fit-twettiq tal-awditu jew li kapaċi li tinfluwenzah.

(k) awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jimmonitorjaw u jevalwaw l-adegwatezza u l-effikaċja tas-sistemi, il-kontroll intern u l-mekkaniżmi u l-arranġamenti ta' kontroll intern tal-kwalità tagħhom stabbiliti b'konformità ma' din id-Direttiva u jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas. Awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom b'mod partikolari jwettqu evalwazzjoni annwali tas-sistema ta' kontroll intern tal-kwalità msemmija fil-punt (g). Awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom iżommu rekords tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni u kwalunkwe miżura proposta biex tiġi mmodifikata s-sistema ta' kontroll intern tal-kwalità.

Il-politiki u l-proċeduri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu ddokumentati u kkomunikati lill-impiegati tal-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar.

Kwalunkwe esternalizzazzjoni ta' funzjoni tal-awditjar kif imsemmi fil-punt (d) m'għandhomx jaffettwaw ir-responsabilità tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar lejn l-entità awditjata.

2. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jikkunsidraw id-daqs tagħhom u l-kumplessità tal-attivitajiet meta jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom ikunu jistgħu juru lill-awtorità kompetenti rilevanti l-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-ewwel

subparagrafu.

(L-Artikolu 6 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 - punt 11d (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 25a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

11d. Jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

L-Artikolu 25a

*Kamp ta' applikazzjoni tal-awditu
statutorju*

*1. Meta jwettqu l-awditu statutorju, l-
awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar
għandhom iwettqu l-awditu skont l-
istandardi internazzjonali tal-awditjar
imsemmija fl-Artikolu 26.*

*2. Meta l-entità awditjata tkun entità ta'
interess pubbliku, l-awditur statutorju jew
id-ditta tal-awditjar għandhom jieħdu l-
passi meħtieġa bil-għan li jifformaw
opinjoni dwar jekk ir-rapporti finanzjarji
annwali jew konsolidati tal-entità ta'
interess pubbliku jirrappreżentawx il-
qagħda vera u ġusta u ġewx imħejjija
skont il-qafas tar-rapportar finanzjarju
relevanti.*

*Ir-rapport tal-awditur statutorju jew tad-
ditta tal-awditjar għandu jiġi espress
skont l-Artikoli 21 sa 25 tar-
Regolament (UE) Nru XX/XX.*

*Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta'
rapportar kif imsemmija fl-Artikoli 22 u
23 tar-Regolament (UE) Nru XX/XX, il-
kamp ta' applikazzjoni tal-awditu
statutorju m'għandux jinkludi l-garanzija
dwar il-vijabilità fil-ġejjeni tal-entità
awditjata u l-anqas dwar l-effiċċjenza jew
l-effettivitā li biha l-korp maniġerjali jew*

*dak amministrattiv jamministra jew se
jamministra l-entità.*

(*L-Artikolu 14 mir-Regolament COM(2011)0779*)

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11e (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 25b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

11e. Jiddaħħal l-Artikolu 25b li ġej:

L-Artikolu 25b (ġidid)

Organizzazzjoni tal-ħidma

1. Meta l-awditu statutorju jitwettaq minn ditta tal-awditjar, dik id-ditta tal-awditjar għandha taħtar tal-inqas sieħeb ewljeni tal-awditjar wieħed li jkollu l-kompetenza, il-kapaċitajiet u l-awtorità adegwati biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod xieraq. Id-ditta tal-awditjar għandha tiprovdli lis-sieħeb/sħab tal-awditjar maħtur(a) b'riżorsi suffiċjenti u b'personal li għandu l-kompetenza u l-kapaċitajiet meħtieġa biex iwettaq jew iwettqu d-dmirijiet tiegħu/tagħhom b'mod xieraq.

Il-garanzija tal-kwalità, l-indipendenza u l-kompetenza tal-awditjar għandha tkun il-kriterju ewljeni għad-ditta tal-awditjar fl-għażla tas-sieħeb/sħab ewljeni/ewlenin tal-awditjar li jeħtieġ jinħatar/jinħatru.

Is-sieħeb/sħab tal-awditjar maħtur(a) għandhom ikunu involuti b'mod attiv fit-twettiq tal-awditu statutorju.

2. Meta l-awditu statutorju jitwettaq minn awditur statutorju, dan jalloka bizzżejjed ħin għall-inkarigu u għandu jassenna bizzżejjed riżorsi fost l-impiegati tiegħu sabiex iwettqu d-dmirijiet tiegħu b'mod xieraq.

3. L-awditur statutorju jem id-ditta tal-awditjar għandhom jimplimentaw proċeduri ta' kontroll tal-kwalità fil-livell tal-inkarigu li jkunu konsistenti mal-istandard internazzjonali tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 26.

4. Awditur statutorju jem ditta tal-awditjar għandhom iżommu rekord ta' kont tal-klijent. Rekord bħal dan għandu jinkludi d-data li ġejja għal kull klijent tal-awditjar:

(a) l-isem, l-indirizz u l-post tan-negozju;

(b) fil-każ ta' ditta tal-awditjar, is-sieħeb/is-sħab ewlieni/ewlenin tal-awditjar;

(c) it-tariffi mitluba għall-awditi statutorju u t-tariffi mitluba għal servizzi oħra fi kwalunkwe sena finanzjarja.

5. Awditur statutorju jem ditta tal-awditjar għandhom joħolqu fajl tal-awditjar għal kull awditi statutorju mwettaq. Il-fajl tal-awditjar għandu jkun fih tal-anqas id-dokumentazzjoni għall-awditi statutorju imwettaq kif meħtieġ mill-istandard internazzjonali dwar l-awditjar imsemmija fl-Artikolu 26. L-awditur statutorju jem id-ditta tal-awditjar għandhom jiddokumentaw ukoll id-data rrekordjata skont l-Artikoli 25c u 25d(6) ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru XX/XX.

L-awditur statutorju jem id-ditta tal-awditjar għandhom iżommu kwalunkwe data u dokumenti oħra li huma importanti għas-sostenn tar-rapporti msemmija fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) Nru XX/XX u għall-monitoraġġ tal-konformità ma' din id-Direttiva, ir-Regolament (UE) Nru XX/XX u rekwiżiti legali applikabbli oħra.

Il-fajl tal-awditjar għandu jingħalaq mhux aktar tard minn sittin jum wara d-data tal-firma tar-rapport tal-awditjar imsemmi fl-Artikolu 22 tar-

Regolament (UE) Nru XX/XX.

6. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom iżommu rekords ta' kwalunkwe lment dwar il-prestazzjoni tal-awditu statutorju.

(L-Artikolu 16 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11f (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 25c (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

11f. Jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

L-Artikolu 25c

L-integrità tar-rappurtar finanzjarju

1. Meta l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar isiru konxji minn kwalunkwe żvilupp li x'aktarx ikollu konsegwenzi materjali għall-opinjoni tal-awditjar, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom:

(a) iżommu rekord tal-iżvilupp;

(b) jieħdu l-miżuri xierqa, kif meħtieġ mill-istandardi internazzjonali rilevanti tal-awditjar, bħala tweġiba għall-avveniment jew l-iżvilupp;

(c) jinformati lill-awtorità kompetenti rilevanti bl-avveniment jew bl-iżvilupp minnufih jekk, wara li jkunu ttieħdu l-miżuri xierqa, l-awditur jibqa' jemmen li l-avveniment jew l-iżvilupp x'aktarx li jiġi jkollhom konsegwenzi materjali fir-rigward tal-opinjoni tal-awditjar.

Ir-rekord imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu jinkludi l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-inċident, l-informazzjoni dwar il-persuna jew il-persuni involuti u d-dettalji tal-miżuri li ttieħdu skont il-punt

(b) ta' dak is-subparagrafu.

2. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/60/KE, meta awditur statutorju jew ditta tal-awditjar li jwettqu l-awditu statutorju jissuspettaw jew ikollhom raġunijiet validi għal fatti jew imġiba li jindikaw irregolaritajiet, inkluż frodi fir-rigward tar-rapporti finanzjarji tal-entità awditjata, dawn għandhom jinfurmaw lill-entità awditjata u jitolhuha tinvestiga l-kwistjoni u tieħu l-miżuri xierqa sabiex tindirizza dawn l-irregolaritajiet u sabiex tipprevjeni r-repetizzjoni ta' irregolaritajiet simili fil-ġejjeni.

Meta l-entità awditjata ma tinvestigax il-kwistjoni jew ma tieħu l-ebda miżura, jew meta l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar jemmnu li l-miżuri meħuda mill-entità awditjata mhumiex adegwati sabiex jindirizzaw dawn l-irregolaritajiet, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti b'dawn l-irregolaritajiet.

Id-divulgazzjoni b'rieda tajba lill-awtoritajiet kompetenti, mill-awditur statutorju jew mid-ditta tal-awditjar, ta' kwalunkwe fatt jew imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandhiex tikkostitwixxi ksur tal-ebda restrizzjoni kuntrattwali jew legali dwar id-divulgazzjoni tal-informazzjoni u m'għandhiex tinvolvi lil dawn il-persuni f'xi responsabilità ta' kwalunkwe tip.

(L-Artikolu 17 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11g (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 25d (ġidid)

11g. Jiddaħħal l-Artikolu 25d li ġej:

L-Artikolu 25d

Rieżami tal-kontroll intern tal-kwalità

1. Meta l-entità awditjata tkun entità ta' interress pubbliku, qabel ma jinħarġu r-rapporti msemmija fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) Nru XX/XX, għandu jsir rieżami tal-kontroll tal-kwalità tal-inkarigu sabiex jiġi vvalutat jekk l-awditur statutorju jew is-sieħeb ewlieni tal-awditjar setax wasal b'mod raġonevoli għall-opinjoni u l-konklużjonijiet espressi fl-abbozz ta' dawk ir-rapporti skont l-istandardi internazzjonali tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 26.

2. Ir-rieżami tal-kontroll intern tal-kwalità għandu jsir permezz ta' eżaminatur tal-kontroll intern tal-kwalità. Dan l-eżaminatur għandu jkun awditur statutorju li mhuwiex involut fit-twettiq tal-awditu statutorju li miegħu huwa relataż ir-rieżami intern tal-kwalità.

3. Meta jwettaq ir-rieżami tal-kontroll tal-kwalità tal-inkarigu, l-eżaminatur għandu jirrieżamina r-rapporti finanzjarji awditjati, u jwettaq evalwazzjoni oġġettiva ta' mill-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-informazzjoni orali u bil-miktub mogħtija mill-awditur statutorju jew mis-sieħeb ewlieni tal-awditjar li tappoġġja ssentenzi sinifikanti u r-riżultati prinċipali tal-proċeduri tal-awditjar imwettqa u l-konklużjonijiet li jinħarġu minn dawn ir-riżultati, kemm jekk fuq talba jew le tal-eżaminatur tal-kontroll tal-kwalità tal-inkarigu;

(b) is-sentenzi sinifikanti u r-riżultati prinċipali tal-proċeduri tal-awditjar imwettqa u l-konklużjonijiet li jinħarġu minn dawn ir-riżultati;

(c) ir-rapporti tal-awditur statutorju jew

tas-sieħeb ewlioni tal-awditjar, kif espressi fl-abbozz tar-rapporti msemmija fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) Nru XX/XX;

4. Ir-rieżami tal-kontroll intern tal-kwalità għandu tal-anqas jivvaluta l-elementi li ġejjin:

(a) l-indipendenza tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar mill-entità awditjata;

(b) ir-riskji sinifikanti li l-awditur statutorju jew is-sieħeb ewlioni tal-awditjar identifika matul it-twettiq tal-awditu statutorju u l-miżuri li ħa sabiex jikkontrolla b'mod adegwat dawk ir-riskji;

(c) ir-raġunar tal-awditur statutorju jew tas-sieħeb ewlioni tal-awditjar, b'mod partikolari fir-rigward tal-materjalità u r-riskji sinifikanti msemmija fil-punt (b);

(d) kwalunkwe talba għal parir ta' esperti esterni u l-implementazzjoni ta' dawn il-pariri;

(e) in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet skorretti ikkorreġuti jew mhux ikkorreġuti fir-rapporti finanzjarji li ġew identifikati matul it-twettiq tal-awditu;

(f) is-suġġetti diskussi mal-kumitat tal-awditjar u l-maniġment u/jew il-korpi superviżorji tal-entità awditjata;

(g) is-suġġetti diskussi mal-awtoritajiet kompetenti u, jekk applikabbli, ma' partijiet terzi oħra;

(h) jekk id-dokumenti u l-informazzjoni magħżula mill-fajl jirriflettux b'mod sodisfaċenti l-pożizzjonijiet meħuda mill-impiegati involuti fl-awditjar, u jekk it-tali dokumenti u informazzjoni jsostnux l-opinjoni tal-awditur statutorju jew tas-sieħeb ewlioni tal-awditjar kif espressa fl-abbozz tar-rapporti msemmija fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) Nru XX/XX.

5. L-eżaminatur tal-kontroll intern tal-kwalità għandu jiddiskuti r-riżultati tar-rieżami tal-kontroll intern tal-kwalità mal-awditur statutorju jew mas-sieħeb ewljeni tal-awditjar. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jiddeterminaw il-proċedura li teħtieġ tīgi segwita meta l-eżaminatur u l-awditur statutorju jew is-sieħeb ewljeni tal-awditjar ma jaqblux dwar ir-riżultati tar-rieżami.

6. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom iżommu rekords tar-riżultati tar-rieżami tal-kontroll intern tal-kwalità, flimkien mal-kunsiderazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn ir-riżultati.

(L-Artikolu 19 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom *jiżguraw* li l-awditi statutorji u d-ditti tal-awditjar jikkonformaw mal-istandardi internazzjonali tal-awditjar *meta jwettqu awditi statutorji sakemm dawn l-istandardi ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u ta' dan ir-Regolament XX/XX.*

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom *jeħtieġu* li l-awditi statutorji u d-ditti tal-awditjar jikkonformaw mal-istandardi internazzjonali tal-awditjar *adottati skont il-paragrafu 3.*

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – test introduttoriu

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jistgħu jimponu proċeduri jew rekwiżiti tal-awditjar fuq l-istandardi internazzjonali tal-awditjar biss jekk dawk il-proċeduri jew ir-rekwiżiti tal-awditjar *jkunu* ġejjin minn rekwiżiti legali nazzjonali speċifiċi relatati mal-ambitu tal-awditi statutorji. **L-Istati Membri**
għandhom jiżguraw li dawk il-proċeduri jew ir-rekwiżiti tal-awditjar jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jimponu proċeduri jew rekwiżiti tal-awditjar fuq l-istandardi internazzjonali tal-awditjar biss jekk dawk il-proċeduri jew ir-rekwiżiti tal-awditjar *ikunu* ġejjin minn rekwiżiti legali nazzjonali speċifiċi relatati mal-ambitu tal-awditi statutorji.

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) *jikkontribwixxu għal livell għoli ta' kredibilità u kwalità għar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati b'konformità mal-prinċipji stabiliti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva [xxxx] dwar ir-rapporti finanzjarji annwali u r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' ċerti tipi ta' impriżi;*

imħassar

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *jirriżultaw f'ġid komuni tal-Unjoni.*

imħassar

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawn il-proċeduri jew ir-rekwiżiti tal-auditjar lill-Kummissjoni, lill-AETS u lill-Istati Membri l-oħra.

imħassar

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ‘standards internazzjonali tal-auditjar’ tfisser Standards Internazzjonali tal-Auditjar (ISAs – “International Standards on Auditing”) u d-Dikjarazzjoni u l-istandars relatati li huma parti mill-Proġett ta’ Kjarifika maħruġ mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC – “International Federation of Accountants”) fl-2009 safejn huma relevanti għall-verifika statutorja.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ‘standards internazzjonali tal-auditjar’ tfisser Standards Internazzjonali tal-Auditjar (ISAs – “International Standards on Auditing”) **maħruġa mill-Bord tal-Istandars Internazzjonali tal-Auditjar u l-Aċċertament (IAASB) bid-data effettiva 2012 msemmija fihom safejn huma relevanti għall-auditu statutorju.**

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-

setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 48a ***għall-finijiet ta' emendar tad-definizzjoni tal-istandards internazzjonali tal-awditjar fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.*** Meta tuża setgħat bħal dawn, il-Kummissjoni għandha ***tqis kwalunkwe emenda li ssir għall-ISAs mill-IFAC, l-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju tal-Interess Pubbliku dwar emendi bħal dawn kif ukoll kwalunkwe żvilupp ieħor fil-awditjar u fil-professjoni tal-awditjar.***'.

setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 48a, ***tadotta jew tirrevoka standards internazzjonali tal-awditjar fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.*** Meta tuża setgħat bħal dawn, il-Kummissjoni għandha ***tiddeċiedi dwar l-applikabilità tal-istandards internazzjonali tal-awditjar fl-Unjoni, filwaqt li tkun konxja tal-proporzjonalità ta' dawn l-istandards. Il-Kummissjoni għandha tadotta standards internazzjonali tal-awditjar għall-applikazzjoni fl-Unjoni biss jekk dawn:***

- (a) ***ikunu ġew żviluppati b'attenzjoni xierqa kif suppost, b'mod trasparenti, taħt skrutinju pubbliku u jkunu ġeneralment aċċettati b'mod internazzjonali; kif ukoll (b) jikkontribwixxu għal livell għoli ta' kredibilità u kwalità għar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva [xxxx] dwar ir-rapporti finanzjarji annwali u r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' ċerti tipi ta' impriżi;***

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 12a (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

12a. Fl-Artikolu 27(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(c) l-awditur tal-grupp jevalwa l-ħidma tal-awditjar imwettqa minn awditur(i) ta' pajjiż terz jew awditur(i) statutorju/i u entità(jiet) tal-awditjar ta' pajjiż terz jew ditta/i tal-awditjar għall-finijiet tal-grupp tal-awditjar u jiddokumenta n-natura, iż-żmien u l-grad tal-involvement fil-ħidma mwettqa minn dawk l-awdituri, inkluż fejn applikabbli r-rieżami tal-awdituri ta'

partijiet rilevanti tad-dokumentazzjoni tal-awditjar ta' dawk l-awdituri. Id-dokumentazzjoni miżmuma mill-awditur tal-grupp għandha tippermetti lill-awtorità kompetenti rilevanti li tirrieżamina l-ħidma tal-awditur tal-grupp.

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 12b (ġdid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

12b. Fl-Artikolu 27(1), jiddahħħal dan is-subparagrafu li ġej:

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-awditur tal-grupp għandu jiżgura l-ftehim tal-awditur(i) ta' pajjiż terz, l-awditur(i) statutorju/i, l-entità(jiet) tal-awditjar ta' pajjiż terz jew tad-ditta/i tal-awditjar għat-trasferiment tad-dokumentazzjoni rilevanti matul it-twettiq tal-awditjar tar-rapporti finanzjarji konsolidati, bħala kondizzjoni tal-użu mill-awditur tal-grupp tal-ħidma ta' dak/dawk l-awditur(i) ta' pajjiż terz, l-awditur(i) statutorju/i, l-entità(jiet) tal-awditjar ta' pajjiż terz jew tad-ditta/i tal-awditjar.

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12c (ġdid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 27 - paragrafi 2 u 3 (ġoddha)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

12c. Jiżdiedu żewġ paragrafi ġoddha mal-Artikolu 27:

2. Meta l-auditur tal-grupp ma jkunx f'pożizzjoni li jikkonforma mal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, huwa għandu jieħu l-miżuri xierqa u jinforma lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) Nru XX/XX dwar dan.

Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu t-twettiq ta' ħidma addizzjonali ta' awditjar statutorju, jew direttamente jew permezz ta' esternalizzazzjoni ta' dawn il-kompli, fis-sussidjarja rilevanti.

3. Meta l-auditur tal-grupp ikun soġġett għal rieżami tal-garanzija tal-kwalità jew investigazzjoni rigward l-auditu statutorju tar-rapporti finanzjarji konsolidati ta' grupp ta' impriżi fejn l-impriża prinċipali tkun entità ta' interess pubbliku, l-auditur tal-grupp, meta jintalab jagħmel dan, għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti dik id-dokumentazzjoni rilevanti li hu jżomm rigward il-ħidma tal-awditjar imwettqa minn awditur(i) ta' pajiż terz, awditur(i) statutorju/i, entità(jiet) tal-awditjar ta' pajiż terz jew ditta/i tal-awditjar għall-finijiet tal-awditu tal-grupp, inklużi dd-dokumenti ta' ħidma rilevanti għall-awditu tal-grupp..

L-awtorità kompetenti għandha titlob dokumentazzjoni addizzjonali dwar il-ħidma tal-awditjar imwettqa mill-awditur(i) statutorju/i jew mid-ditta/i tal-awditjar għall-finijiet tal-awditu tal-grupp lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti skont il-Kapitolu III tat-Titulu IV tar-Regolament (UE) Nru XX/XX.

Meta komponent ta' grupp ta' impriżi jiġi awditjat minn awditur(i) jew entità(jiet) tal-awditjar minn pajiż terz, l-awtorità kompetenti għandha titlob dokumentazzjoni addizzjonali dwar il-ħidma tal-awditjar imwettqa mill-awditur(i) ta' pajiż terz jew mill-entità(jiet) tal-awditjar ta' pajiż terz lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti minn

pajjiżi terzi permezz tal-arranġamenti tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/43/KE.

Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu, meta komponent ta' grupp ta' impriżi jiġi awditjat minn awditar(i) jew entità(jiet) tal-awditjar minn pajjiż terz li ma jkollux arranġament tax-xogħol kif imsemmi fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/43/KE, l-awditur tal-grupp, meta jintalab dan, għandu jkun responsabbi wkoll mill-iżgurar ta' twassil xieraq tad-dokumentazzjoni addizzjonali tal-ħidma tal-awditjar imwettqa minn awditar(i) ta' pajjiż terz or entità(jiet) tal-awditjar, inklużi d-dokumenti ta' ħidma rilevanti għall-awditu tal-grupp. Sabiex jiġi żgurat dan it-twassil, l-awditur tal-grupp għandu jżomm kopja ta' din id-dokumentazzjoni, jew inkella jiftiehem mal-awditur(i) ta' pajjiż terz jew mal-entità(jiet) tal-awditjar sabiex ikun jista' jaċċedi b'mod xieraq u mhux ristrett kull meta jitlob li jagħmel dan, jew jieħu kwalunwke azzjoni xierqa oħra. Meta d-dokumenti ta' ħidma tal-awditjar ma jistgħux jgħaddu minn pajjiż terz għall-awditur tal-grupp minħabba raġunijiet legali jew raġunijiet oħra, id-dokumentazzjoni mizmura mill-awditur tal-grupp għandha tħinkludi provi li hu ħa l-proċeduri xierqa sabiex ikollu aċċess għad-dokumentazzjoni tal-awditjar, u fil-każ ta' impedimenti li mħumiex legali li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz, il-provi li jsostnu dan l-impediment.

(L-Artikolu 18, paragrafi 2 u 3 mir-Regolament COM(2011)0779)

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 13
Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 28

13. Fl-Artikolu 28, jitneħħha l-paragrafu 2.

13. L-Artikolu 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-Artikolu 28

Rappurtar tal-awditu

1. L-awditar statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jippreżentaw ir-riżultati tal-awditu statutorju f'rapport tal-awditjar imhejj skont ir-rekwiżiti tal-istandardi internazzjonali tal-awditjar adottati mill-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 26.

2. Ir-rapport tal-awditjar għandu jinkludi:

(a) introduzzjoni li mill-anqas għandha tidentifika r-rapporti finanzjarji li jkunu s-soġġett tal-awditjar statutorju, flimkien mal-qafas għar-rappurtar finanzjarju li ġie applikat fit-tħejjija tagħhom;

(b) deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-awditjar statutorju li għandha tal-anqas tidentifika l-istandardi tal-awditjar li skonthom ikun sar l-awditjar statutorju;

(c) opinjoni tal-awditjar, li għandha tkun jew mhux kwalifikata, kwalifikata jew opinjoni negattiva u għandha tiddikjara b'mod ċar l-opinjoni tal-awditur statutorju dwar:

(i) jekk ir-rapporti finanzjarji annwali jagħtux stampa vera u korretta skont il-qafas rilevanti għar-rapportar finanzjarju u,

(ii) fejn xieraq, jekk ir-rapporti finanzjarji annwali jkunux konformi mar-rekwiżiti statutorji,

Jekk l-awditur statutorju ma jkunx kapaċi jesprimi opinjoni tal-awditjar, ir-rapport għandu jkollu ċaħda tal-opinjoni;

(d) referenza għal kwalunkwe kwistjoni li l-awditur statutorju jiġbed l-attenzjoni għaliha permezz ta' enfasi mingħajr ma jikkwalifta l-opinjoni tal-awditjar;

(e) l-opinjoni u d-dikjarazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 34(1) subparagrafu 2 tad-Direttiva [xxxx] dwar ir-rapporti finanzjarji annwali u r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' ċerti tipi ta' impriżi.

Ir-rapport għandu jiġi ffirmat u datat mill-awditur statutorju. Meta ditta tal-awditjar twettaq l-awditjar statutorju, ir-rapport tal-awditjar għandu jiġi ffirmat minn tal-anqas l-awditur(i) statutorju/i li wettaq/wettqu l-awditu statutorju f'isem id-ditta tal-awditjar.

F'ċirkustanzi eċċeżżjonali, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li m'hemmx bżonn li din il-firma tiġi żvelata lill-pubbliku jekk tali żvelar jista' jwassal għal theddida imminenti u sinifikanti għas-sigurtà personali ta' kwalunkwe persuna. Fi kwalunkwe każ, l-isem (ismijiet) tal-persuna (i) involuti għandhom ikunu mgħarrfa lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 14 – punt a – punt i

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

‘(a) is-sistema ta’ garanzija tal-kwalità għandha tkun **irregolata mill-awtoritā kompetenti msemmija fl-Artikolu 32 u** organizzata b’tali mod li tkun indipendenti mill-awdituri statutorji u mid-ditti tal-awditjar.’;

Emenda

‘(a) is-sistema ta’ garanzija tal-kwalità għandha tkun organizzata b’tali mod li tkun indipendenti mill-awdituri statutorji u mid-ditti tal-awditjar **u soġġetta għas-sorveljanza pubblika, kif previst fil-Kapitolu VIII.**’;

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 14 – punt a – punt iii

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

'Fuq talba tagħhom, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 32 għandha **trendi disponibbli** r-rapport imsemmi fil-punt (g) tal-ewwel subparagrafu **għall-partijiet interessati.** L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-rapport divulġat ma jxekk il-lobbyistix kummerċjali tal-entità awditjata taħt *eżami*, inkluża l-proprjetà industrijali u intellettuali tagħha.';

Emenda

'L-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 32 għandha **tippubblika** r-rapport imsemmi fil-punt (g) tal-ewwel subparagrafu. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-rapport **ippubblikat jew** divulġat ma jxekk il-lobbyistix kummerċjali tal-entità awditjata taħt *rieżami*, inkluża l-proprjetà industrijali u intellettuali tagħha.';

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 14a (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 30 – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

14a. L-Artikolu 30(3) huwa emendat kif ġej:

'L-Istati Membri għandu jiaprovdli li l-miżuri meħuda fir-rigward tal-awdituri statutorju u d-ditti tal-awditjar, jew issanżjonijiet imposti fuqhom, f'każi ta'rilevanza pubblika jiġu żvelati b'mod xieraq lill-pubbliku, b'dettalji dwar in-natura tar-reat u l-identità ta' dawk responsabbi, sakemm jiġi konkluż f'valutazzjoni tal-każ individwali li l-interess tal-pubbliku fl-iżvelar huwa ikbar mill-ħtieġa li tiġi protetta d-dinjità personali ta' dawk milquta mill-miżura jew mis-sanzjoni. Il-valutazzjoni f'kull każ għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għarr-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. M'għandhomx ikunu ppubblikati dettalji individwali meta l-identifikazzjoni tal-persuni involuti tikkawżsalhom dannu

sproporzjonat jew meta l-iżvelar jipperikola serjament l-istabilità tas-swieg finanzjarji. Dan m'għandux jaffettwa d-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li jippubblikaw dettalji tal-miżuri u ssanzjonijiet abbażi ta' anonimità. Is-sanzjonijiet għandhom jinkludu l-possibilità tal-irtirar tal-approvazzjoni.

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 14a (ġdid)
Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 31

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

14a. L-Artikolu 31 huwa mħassar.

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 15
Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 32

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

15. L-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

imħassar

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-Istati Membri għandhom jaħtrū awtorità kompetenti responsabbi mis-sorveljanza pubblika tal-audituri statutorji u tad-ditti tal-auditjar fuq il-bażi tal-prinċipji stabiliti fil-paragrafi 2 sa 7.';

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'3. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil dawk li ma jipprattikawx il-professjonali li jkollhom għarfien dwar l-oqsma relevanti għall-auditjar statutorju sabiex ikunu involuti fil-governanza tas-sistema

ta' sorveljanza pubblica, jekk jintgħażlu skont proċedura ta' nomina indipendent u trasparenti. Dawk li jipprattikaw ma għandhomx jitħallew inkunu involuti fil-governanza tas-sistema ta' sorveljanza pubblica. ';

(c) fil-paragrafu 4, is-sentenza introduttora hija sostitwita b'din li ġejja:

'L-awtorità kompetenti għandu jkollha r-responsabilità finali fuq is-sorveljar ta':';

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'5. L-awtorità kompetenti għandu jkollha d-dritt, fejn neċċesarju, li tibda u twettaq investigazzjonijiet relatati mal-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar u d-dritt li tieħu l-azzjoni xierqa. Għandu jkollha riżorsi adegwati sabiex tibda u twettaq investigazzjonijiet bħal dawn.

Sabiex twettaq il-kompeti tagħha taħt din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess għal kwalunkwe dokument ta' kwalunkwe forma li jkollhom l-awdituri statutorji jew id-ditti tal-awditjar u għandu jkollha d-dritt li tirċievi u żżomm kopja tagħhom. Għandu jkollha d-dritt ukoll li titlob informazzjoni minn kwalunkwe persuna u jekk dan ikun neċċesarju, li tintervista u tistaqsi mistoqsijiet lil persuna bil-għan li tikseb informazzjoni.';

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'6. L-awtorità kompetenti għandha tkun trasparenti. Din għandha tinkludi l-pubblikazzjoni tal-programmi annwali ta' ħidma u r-rapporti tal-attività'.

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 16

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 32a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

16. L-Artikolu 32a li ġej huwa mdaħħal: *imħassar*

1. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 32 sabiex tiddelega kompiti lil awtoritajiet jew korpi oħra maħtura skont il-liġi biss fir-rigward tal-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-audituri statutorji u tad-ditti tal-auditjar. Kwalunkwe twettiq tal-kompiti minn awtoritajiet jew korpi oħra għandha tkun espressament iddelegata mill-awtorità kompetenti. Id-delega għandha tispeċifika l-kompiti ddelegati u l-kundizzjonijiet skont liema għandhom jitwettqu. L-awtoritajiet jew il-korpi għandhom jiġu organizzati b'tali mod li ma jkunx hemm kunkflitti ta' interress. Ir-responsabilità finali għas-superviżjoni tal-konformità ma' din id-Direttiva u mal-miżuri ta' implantazzjoni adottati skont din id-Direttiva għandha tkun tal-awtorità kompetenti li tiddelega.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe arranġamenti li jidħlu għalihom fir-rigward tad-delega tal-kompiti, inklużi l-kundizzjonijiet preċiżi għar-regolamentazzjoni tad-delegi'.

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 18

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

‘3. Kwalunkwe klawsola kuntrattwali li daħlet bejn entità awditjata u parti terza li tillimita l-għażla mil-laqgħa ġenerali tal-partijiet interessati jew tal-membri ta’ dik

‘3. Kwalunkwe klawsola kuntrattwali li daħlet bejn entità awditjata u parti terza li tillimita l-għażla mil-laqgħa ġenerali tal-partijiet interessati jew tal-membri ta’ dik

l-entità skont il-paragrafu 1 għal ġerti kategoriji jew listi ta' awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar rigward il-ħatra ta' awditur statutorju jew ditta tal-awditjar partikolari jew il-limitazzjoni tal-ġħażla għal dawn sabiex iwettqu l-awditjar statutorju ta' dik l-entità għandha tkun nulla u bla effett.'

l-entità skont il-paragrafu 1 għal ġerti kategoriji jew listi ta' awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar rigward il-ħatra ta' awditur statutorju jew ditta tal-awditjar partikolari jew il-limitazzjoni tal-ġħażla għal dawn sabiex iwettqu l-awditjar statutorju ta' dik l-entità għandha **tiġi pprojbita.** *Kull klawżola eżistenti ta' dan it-tip għandha tkun nulla u bla effett.'*

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 19a (ġidid)

Direttiva 2006/43/KE

Kapitolo X (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

19a. Jiddaħħal il-Kapitolo li ġej:

KAPITOLU X

KUMITAT TAL-AWDITJAR

L-Artikolu 38a

Kumitat tal-Awditjar

1. Kull entità ta' interess pubbliku għandha tistabbilixxi kumitat tal-awditjar bħala kumitat separat jew kumitat tal-korp superviżorju. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk il-kumitat tal-awditjar ikunux iffurmati minn membri mhux eżekuttivi tal-korp amministrativ u/jew membri tal-korp superviżorju tal-entità awditjata u/jew membri maħtura mil-laqqha ġenerali tal-azzjonisti tal-entità awditjata jew, għal entitajiet mingħajr azzjonisti, minn korp ekwivalenti.

Tal-inqas membru wieħed tal-kumitat tal-awditjar għandu jkollu kompetenza fil-kontabilità u/jew fl-awditjar.

Il-membri tal-kumitat tal-awditjar għandhom ikunu meħtieġa jieħdu sehem fi programmi xierqa ta' edukazzjoni kontinwa sabiex jakkwistaw u/jew

iżommu l-għarfien teoretiku, u l-ħiliet u l-valuri professjonalni tagħhom f'livell għoli bizzżejjed.

Tal-anqas membru wieħed tal-kumitat tal-auditjar għandu jkun indipendent. Fil-każijiet kollha, il-President tal-kumitat tal-auditjar għandu jun indipendent. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-President tal-kumitat tal-auditjar jiġi elett darba fis-sena mil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti tal-entità auditjata.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-entitajiet ta' interess pubbliku li jissodisfaw il-kriterji stipulati fil-punti (f) u (t) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-funzjonijiet mogħtija lill-kumitat tal-auditjar jistgħu jitwettqu mill-korp amministrattiv jew superviżorju b'mod sħiħ, dejjem jekk tal-anqas meta l-President ta' korpi bħal dawn ikun membru eżekuttiv, ma jkunx il-President tal-kumitat tal-auditjar.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw dawn l-entitajiet ta' interess pubbliku mill-obbligu li jkollhom kumitat tal-auditjar:

(a) kwalunkwe entità ta' interess pubbliku li hija impriżza sussidjarja fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 83/349/KEE jekk l-entità tikkonforma mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dak l-Artikolu fil-livell tal-grupp;

(c) kwalunkwe entità ta' interess pubbliku li l-uniku skop kummerċjali tagħha huwa li tagħixxi bħala emittent ta' titoli abbażi ta' assi kif iddefinit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004;

(d) kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/48/KE li l-ishma tagħha mħumiex ammessi għan-negozjar f'suq regolat tal-ebda Stat Membru fis-sens tal-punt 14 tal-Artikolu 4(1) tad-

Direttiva 2004/39/KE u li, b'mod kontinwu jew ripetut, ħarġet biss titoli ta' dejn ammessi għan-negozjar f'suq regolat, sakemm l-ammont nominali totali ta' dawn it-titoli ta' dejn jibqa' taħt il-EUR 100 000 000 u ma tkunx ippubblikat prospett taħt id-Direttiva 2003/71/KE.

L-entitajiet ta' interess pubbliku msemmija fil-punt (c) għandhom jiispiegaw lill-pubbliku r-raġunijiet għalfejn huma ma jqisux adegwat il-fatt li jkollhom kumitat tal-awditjar jew inkella korp amministrattiv jew superviżorju fdati bit-twettiq tal-funzjonijiet tal-kumitat tal-awditjar.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, entità ta' interess pubbliku li għandha korp li jwettaq funzjonijiet ekwivalenti għall-kumitat tal-awditjar, stabilit u funzjonanti skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istat Membru li fih tkun irregistrala l-entità li se tiġi awditjata, tista' tiddeċiedi li ma jkollhiex kumitat tal-awditjar. F'każ bħal dan, l-entità għandha tiżvela liema korp iwettaq dawn il-funzjonijiet u kif inhu ffurmat dak il-korp.

Meta kumitat tal-awditjar jiffonna parti mill-bord superviżorju skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu li l-bord superviżorju jwettaq il-funzjonijiet tal-kumitat tal-awditjar għall-iskop tal-obbligli stabiliti f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru XX/XX.

5. Mingħajr preġudizzju għar-responsabilità tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji, jew ta' membri oħra li huma maħtura mil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti tal-entità awditjata, il-kumitat tal-awditjar għandu, fost l-oħrajn:

(a) jimmonitorja l-proċess ta' rapportar finanzjarju u jissottometti rakkomandazzjonijiet jew proposti sabiex

jiżgura l-integrità tiegħu;

(b) jimmonitorja l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern, is-sistemi tal-awditjar intern, fejn ikun applikabbli, u s-sistemi ta' ġestjoni tar-riskji tal-impriża, mingħajr ma jikser l-indipendenza tiegħu.

(c) jimmonitorja l-awditi statutorju tar-rapporti finanzjarji annwali u konsolidati u jissorvelja l-punti relatati mal-proċess tal-iżvilupp tal-awditi skont l-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) Nru XX/XX, u b'mod partikolari jiddiskuti mal-awditur statutorju jew mad-ditta tal-awditjar ir-rapporti mħejjija skont l-Artikoli 22 u 33 tar-Regolament (UE) Nru XX/XX.

(d) jirrieżamina u jimmonitorja l-indipendenza tal-awdituri statutorji jew tad-ditti tal-awditjar b'konformità mal-Artikoli 22, 22a u 24a tar-Regolament (UE) Nru XX/XX, u b'mod partikolari l-provvediment ta' servizzi addizzjonali lill-entità awditjata b'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru XX/XX.

(da) jimmonitorja l-kwalità tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe riżultat u konklużjoni mill-awtorità kompetenti, skont l-Artikolu 40(6) tar-Regolament (UE) Nru XX/XX;

(db) jirrieżamina jekk ikunx hemm separazzjoni totali bejn l-awditi intern u l-awditu statutorju;

(e) ikun responsabbi għall-proċedura dwar l-għażla tal-awditur(i) statutorju/i jew tad-ditta/i tal-awditjar;

(f) japprova, fuq bażi ta' każ b'każ, il-provvediment mill-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar tas-servizzi ta' garanzija, servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxi u servizzi oħra mhux tal-awditjar kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru XX/XX lill-entità awditjata u l-impriżi kkontrollati tagħha

fl-Unjoni.

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 20

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 43a – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Awditjar simplifikat għal impriżi medji

Emenda

Awditu għal impriżi medji

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 20

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 43a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom **jizzguraw** li ***l-applikazzjoni tal-istandard*** tal-awditjar tar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati ***ta' impriżi medji hija*** proporzjonata għall-iskala u l-kumplessità tan-negozju ta' dawk l-impriżi.

Emenda

L-Istati Membri għandhom **jeħtieġu** li ***l-awtoritajiet kompetenti fil-ġurisdizzjoni tagħhom jirrikonoxxu, meta jissorveljaw il-professjoni u b'mod partikolari fir-rigward tal-ispezzjonijiet, jizzguraw li l-istandard*** tal-awditjar **adottati bi qbil mal-Artikolu 26 ikunu applikati għall-awditi statutorju** tar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati ***b'mod li jkun proporzjonat*** għall-iskala u l-kumplessità tan-negozju ***tal-entità***.

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 20

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 43b – paragrafu 43

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn Stat Membru jistabilixxi regoli dwar it-twettiq ta' ***ejzaminazzjoni*** limitata tal-

Emenda

L-Istati Membri għandhom jitħallew jistabbilixxu regoli dwar it-twettiq ta'

kontijiet ta' impriżi żgħar **bħala alternattiva għall-awditjar** statutorju, *tali Stat Membru ma għandux ikun obbligat jadatta l-istandardi tal-awditjar għall-awditjar* statutorju **ta' dawk l-impriżi.**

*inkarigu ta' garanzija limitat tal-kontijiet ta' impriżi żgħar **minnflok awditi** statutorju.*

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 20

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 43b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ‘*eżaminazzjoni limitata*’ tfisser **proċedura mwettqa** minn awditur statutorju jew ditta tal-awditjar *bil-għan li jinstabu dikjarazzjonijiet skorretti minħabba żball jew frodi fir-rapporti finanzjarji ta' entità u li tiprovd i* livell inqas ta' garanzija minn **awditi** statutorju.’.

Emenda

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ‘*inkarigu ta' garanzija limitat*’ tfisser **inkarigu mwettaq** minn awditur statutorju jew ditta tal-awditjar li *fih jintla ħaq* livell inqas ta' garanzija minn **dak f'inkarigu tal-awditi** statutorju.

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 25

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 48a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 8(3), 22(4), 26(3), 29(2), 36(7), 45(6), 46(2), 47(3) u 47(5) għandu jidħol fis-seħħi biss jekk ma tīgi espressa l-ebda ogħżejjon mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fperjodu ta' *[xahrejn]* min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser jogħeżżjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'*[xahrejn]* fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-

Emenda

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 8(3), 22(4), 26(3), 29(2), 36(7), 45(6), 46(2), 47(3) u 47(5) għandu jidħol fis-seħħi biss jekk ma tīgi espressa l-ebda ogħżejjon mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fperjodu ta' *erba' xħur* min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser jogħeżżjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'*xahrejn* fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-

Kunsill.'.

tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.'

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u għandha tiġi konsolidata, mad-Direttiva emendata minnha, fī żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ tagħha.***

13.3.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati (COM(2011)0778 – C7-0461/2011 – 2011/0389(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Kay Swinburne

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Minħabba r-rilevanza pubblika sinifikanti tal-entitajiet ta' interess pubbliku, li tirriżulta mill-iskala u d-dimensjoni tan-negożju tagħhom jew min-natura tan-negożju tagħhom, trid tissaħħa il-kredibilità tar-rapporti finanzjarji awditjati tal-entitajiet ta' interess pubbliku. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet speċjali għall-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku stabiliti fid-Direttiva 2006/43/KE ġew żviluppati ulterjorment fir-

imħassar

**Regolament (UE) Nru [XXX] ta' [XXX]
dwar rekwiżiti speċifiċi għall-awditjar ta'
entitajiet ta' interess pubbliku.**

Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet dwar il-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku tad-Direttiva 2006/43/KE għandhom jitneħħew minn dik id-Direttiva u l-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jiġu regolati mir-Regolament (UE) Nru [XXX] ta' [XXX].

Ġustifikazzjoni

Regolament tal-UE mhuwiex format xieraq ta' regolament, b'mod partikolari fid-dawl tan-natura ferm dettaljata u li tintervjeni tal-proposta tal-Kummissjoni. Dan jirrapreżenta approċċ “wieħed tajjeb għal kollex” li ma jqisx in-natura tas-sistemi differenti ta' governanza korporattiva madwar l-UE. Dan iwassal għal tnaqqis fl-istandardi ta' governanza korporattiva f'xi Stati Membri.

**Emenda 2
Proposta għal direttiva**

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex tiżdied l-indipendenza tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar mill-entità awditjata meta jitwettqu awditi statutorji, kwalunkwe persuna jew entità li jkollha d-drittijiet f'ditta tal-awditjar għandha tkun indipendenti mill-entità awditjata u ma għandhiex tkun involuta fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-entità awditjata.

Emenda

(6) Sabiex tiżdied l-indipendenza tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar mill-entità awditjata meta jitwettqu awditi statutorji, kwalunkwe persuna jew entità li jkollha d-drittijiet **jew is-sjieda** f'ditta tal-awditjar għandha tkun indipendenti mill-entità awditjata u ma għandhiex tkun involuta fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-entità awditjata.

**Emenda 3
Proposta għal direttiva**

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-piżiżjet fuq impriżi żgħar u medji fi ħdan l-Unjoni b'rabta mal-awditjar tar-rapporti finanzjarji tagħhom għandhom

Emenda

(13) Il-piżiżjet fuq impriżi żgħar u medji fi ħdan l-Unjoni b'rabta mal-awditjar tar-rapporti finanzjarji tagħhom għandhom

jiġu reveduti għall-minimu meħtieġ mingħajr ma tīgi kompromessa l-protezzjoni tal-investituri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tal-istandardi tal-awditjar li skonthom jitwettaq l-awditjar statutorju tar-rapporti finanzjarji ta' dawn l-impriżi tkun proporzjonata għall-iskala tal-impriżi żgħar u medji.

jiġu reveduti għall-minimu meħtieġ mingħajr ma tīgi kompromessa l-protezzjoni tal-investituri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tal-istandardi tal-awditjar li skonthom jitwettaq l-awditjar statutorju tar-rapporti finanzjarji ta' dawn l-impriżi tkun proporzjonata għall-iskala tal-impriżi żgħar u medji. **Għandu jitqies ukoll li l-impriżi żgħar u medji jeżistu f'daq-sijiet differenti u li, barra minn hekk, l-operazzjonijiet tagħhom ivarjaw fil-kumplessità.**

Emenda 4 **Proposta għal direttiva** **Premessa 20**

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari t-tiċhi ħi ***tal-protezzjoni tal-investituri fir-rapporti finanzjarji*** ppubblikati mill-impriżi billi titjeb ulterjorment il-kwalità tal-awditi statutorji mwettqa fi ħdan l-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membru u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effett tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex ikun jista' jintlaħaq dan l-għan.

Emenda

(20) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari t-tiċchi ħi ***tal-fiduċja tal-investituri fil-korrettezza u ssens ta' ġustizzja tar-rapporti finanzjarji*** ppubblikati mill-impriżi billi titjeb ulterjorment il-kwalità tal-awditi statutorji mwettqa fi ħdan l-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membru u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effett tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex ikun jista' jintlaħaq dan l-għan.

Emenda 5 **Proposta għal direttiva** **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a** **Direttiva 2006/43/KE** **Artikolu 2 – punt 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) meħtieġa mid-dritt nazzjonali fir-rigward tal-impriżi żgħar;

Emenda

imħassar

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. ‘awtoritajiet kompetenti’ tfisser l-awtoritajiet maħtura mil-liġi li jkunu inkarigati mir-regolamentazzjoni u/jew mis-sorveljanza tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar jew ta’ aspetti spċċifici minnhom; ir-referenza għal “awtorità kompetenti” f’Artikolu spċificu tfisser referenza għall-awtorità responsabbi mill-funzjonijiet imsemmija f’dak l-Artikolu;’;

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – punt 13 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) entitajiet regolati mil-liġi ta’ Stat Membru u li t-titoli transferibbli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f’suq regolat ta’ kwalunkwe Stat Membru skont it-tifsira tal-punt 14 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;

Emenda

10. “awtoritajiet kompetenti *jew korpi maħtura skont il-liġi*” tfisser l-awtoritajiet maħtura mil-liġi li jkunu inkarigati mir-regolamentazzjoni u/jew mis-sorveljanza tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar jew ta’ aspetti spċċifici minnhom; ir-referenza għal “awtorità kompetenti” f’Artikolu spċificu tfisser referenza għall-awtorità responsabbi mill-funzjonijiet imsemmija f’dak l-Artikolu;’;

Emenda

(a) entitajiet regolati mil-liġi ta’ Stat Membru u li t-titoli transferibbli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f’suq regolat ta’ kwalunkwe Stat Membru skont it-tifsira tal-punt 14 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE *minbarra impriżi ta’ investiment kollettiv f’titoli trasferibbli (UCITS) kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* (*****); *u fondi ta’ investiment alternattiv kif definit fl-Artikolu 4(1)(k) tad-Direttiva 2011/61/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* (*****);

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – punt 13 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefiniti fil-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*);

Emenda

(b) istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefiniti fil-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*) *minbarra dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma ħarġux titoli trasferibbli ammessi għall-kummerċ f'suq regolat fit-tifsira tal-punt 14 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE sakemm il-valur totali tal-assi tagħhom ma jeċċedix EUR 30 miljun;*

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – punt 13 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

*(g) fondi ta' investiment alternattivi tal-UE kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1)(k) tad-Direttiva 2011/61/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****;*

Emenda

imħassar

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – punt 13 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS – undertakings for collective investment in transferable securities) kif iddefiniti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament

Emenda

imħassar

Ewropew u tal-Kunsill(*****);

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) it-tieni paragrafu huwa mħassar;

imħassar

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10. Fl-Artikolu 21, jithħassar il-paragrafu 2.

imħassar

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt a

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jitwettaq awditjar statutorju, l-awditurex statutorju u/jew id-ditta tal-awditjar *u kwalunkwe detentur tad-drittijiet tal-vot fid-ditta tal-awditjar ikunu indipendenti mill-entità awditjata u ma jkunux involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-entità awditjata.*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jitwettaq awditjar statutorju, l-awditurex statutorju u/jew id-ditta tal-awditjar *jieħdu l-passi kollha neċċesarji biex jiżguraw li l-indipendenza ma tkunx kompromessa minn relazzjonijiet finanzjarji, personali, tan-negozju jew tal-impjieg, jew relazzjonijiet oħra jinvolvu l-awditurex statutorju, id-ditta tal-awditjar, id-ditti u n-netwerks affiljati tagħha, u kwalunkwe persuna fiżika oħra f'pożizzjoni li tinfluwenza r-riżultat tal-awditu statutorju.*

Ġustifikazzjoni

Għalkemm ir-rekwiżiti għall-awditjar statutorju tal-entitajiet ta' interess pubbliku huma aktar estensivi, l-istandardi bażiċi għall-indipendenza għandhom ikunu l-istess. L-emenda għalhekk tallin ja l-artikolu tal-indipendenza fid-Direttiva mal-artikolu emendat korrispondenti fir-Regolament PIE.

Emenda 14 Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri **għandhom jiżguraw** li l-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar jikkonformaw mal-istandardi internazzjonali tal-awditjar meta jwettqu awditi statutorji **sakemm dawn l-istandardi ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u ta' dan ir-Regolament XX/XX.**

Emenda

L-Istati Membri **jistgħu jirrikjedu** li l-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar jikkonformaw mal-istandardi internazzjonali tal-awditjar meta jwettqu awditi statutorji.

Ġustifikazzjoni

Il-kontenut tal-İstandards Internazzjonali tal-Awditjar (SIA) huwa ferm ġenerali, ambigwu u spiss imur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni ffaċċejat problemi meta ppruvat timplimentahom, u l-Istati Membri kien ikollhom jiffacċċjaw problemi simili li kieku l-SIA kienu standards vinkolanti. Biex jevitaw dan, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla jekk jimplimentawx l-SIA jew le.

Emenda 15 Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jistgħu **jimponu proċeduri jew rekwiżiti tal-awditjar fuq l-istandardi internazzjonali tal-awditjar biss jekk dawk il-proċeduri jew ir-rekwiżiti tal-awditjar jkunu ġejjin minn rekwiżiti legali**

Emenda

L-Istati Membri jistgħu **wkoll jistipulaw f'iktar dettall dwar l-applikazzjoni tal-istandardi internazzjonali tal-awditjar.**

nazzjonali speċifiċi relatati mal-ambitu tal-awditi statutorji. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-proċeduri jew ir-rekwiżiti tal-awditjar jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

Il-kontenut tal-Istands Internazzjonali tal-Auditjar (SIA) huwa ferm ġeneral, ambigwu u spiss imur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni ffacċċat problemi meta ppruvat timplimentahom, u l-Istati Membri kien ikollhom jiffaċċjaw problemi simili li kieku l-SIA kienu standards vinkolanti. Biex jevitaw dan, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla jekk jimplimentawx l-SIA jew le.

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt a

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(a) *jikkontribwixxu għal livell għoli ta' kredibilità u kwalità għar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva [xxxx] dwar ir-rapporti finanzjarji annwali u r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' ċerti tipi ta' impiżi;*

imħassar

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt b

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jirriżultaw f'ġid pubbliku għall-Unjoni.

imħassar

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 48a għall-finijiet ta' emendar tad-definizzjoni tal-istandardi internazzjonali tal-awditjar fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Meta tuża setgħat bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe emenda li ssir għall-ISAs **mill-IFAC**, l-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju tal-Interess Pubbliku dwar emendi bħal dawn kif ukoll kwalunkwe żvilupp ieħor fil-awditjar u fil-professjoni tal-awditjar. ’.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 48a għall-finijiet ta' emendar tad-definizzjoni tal-istandardi internazzjonali tal-awditjar fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Meta tuża setgħat bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe emenda li ssir għall-ISAs **mill-IASB**, l-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju tal-Interess Pubbliku dwar emendi bħal dawn kif ukoll kwalunkwe żvilupp ieħor fil-awditjar u fil-professjoni tal-awditjar.

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil dawk li ma jipprattikawx il-professjonli li jkollhom għarfien dwar l-oqsma relevanti għall-awditjar statutorju sabiex ikunu involuti fil-governanza tas-sistema ta' sorveljanza pubblika, jekk jintgħażlu skont proċedura ta' nomina indipendenti u trasparenti. **Dawk li jipprattikaw ma għandhomx jitħallew inkunu involuti fil-governanza tas-sistema ta' sorveljanza pubblika.** ’;

Emenda

3. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil dawk li ma jipprattikawx il-professjonli li jkollhom għarfien dwar l-oqsma relevanti għall-awditjar statutorju sabiex ikunu involuti fil-governanza tas-sistema ta' sorveljanza pubblika, jekk jintgħażlu skont proċedura ta' nomina indipendenti u trasparenti.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16

Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 32a – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe arranġamenti li jidħlu ġħalihom fir-rigward tad-delega tal-kompli, inklużi l-kundizzjonijiet preċiżi għar-regolamentazzjoni tad-delegi’.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, *lill-AETS* u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe arranġamenti li jidħlu ġħalihom fir-rigward tad-delega tal-kompli, inklużi l-kundizzjonijiet preċiżi għar-regolamentazzjoni tad-delegi

Emenda 21
Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 43a – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

L-Istati Membri ***jistgħu*** jitkolbu lill-korpi professjonal sabiex jipprovdu gwida dwar l-applikazzjoni proporzjonata tal-istandardi tal-awditjar għal impriżi medji.

Emenda

L-Istati Membri ***għandhom*** jitkolbu lill-korpi professjonal sabiex jipprovdu gwida dwar l-applikazzjoni proporzjonata tal-istandardi tal-awditjar għal impriżi medji.

PROĊEDURA

| | | |
|---|---|---------------|
| Titolu | Emenda tad-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati | |
| Referenzi | COM(2011)0778 – C7-0461/2011 – 2011/0389(COD) | |
| Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI 13.12.2011 | |
| Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON 13.12.2011 | |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Kay Swinburne 25.10.2011 | |
| Eżami fil-kumitat | 15.10.2012 | 19.11.2012 |
| Data tal-adozzjoni | 11.3.2013 | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: | 29 18 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Burkhard Balz, Elena Băsescu, Slavi Binev, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Othmar Karas, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Hans-Peter Martin, Ivani Padar, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool | |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Jean-Pierre Audy, Pervenche Berès, Lajos Bokros, Philippe De Backer, Saïd El Khadraoui, Sari Essayah, Roberto Gualtieri, Sophia in 't Veld, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Emilie Turunen | |
| Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Klaus-Heiner Lehne, Sabine Verheyen, Tatjana Ždanoka | |

4.12.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati (COM(2011)0778 – C7-0461/2011 – 2011/0389(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jürgen Creutzmann

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni tfitteż, permezz tar-Regolament propost dwar rekwiżiti speċifiċi b'rabta mal-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku (PIE), li toħloq qafas aktar dettaljat għall-awditjar tal-PIE, li jeħtieġ ċerti emendi għad-Direttiva dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati.

Flimkien ma' dawn il-bidliet, ċerti dispożizzjonijiet huma emendati l-aktar għall-għoti transkonfinali ta' servizzi tal-awditjar u s-sorveljanza pubblika in ġenerali, li huma milquġha mir-rapporteur għal opinjoni.

Madankollu, ir-rapporteur għal opinjoni jirrakkomanda li l-awditjar volontarju jiġi eskluż mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-awditjar, kif inhu l-każ bħalissa, billi l-proposta tal-Kummissjoni tirriżulta fi spejjeż oħla u piż amministrattiv addizzjonali speċjalment għal entitajiet żgħar u ta' daqs medju. Barra minn hekk, filwaqt li l-aċċess addizzjonali għall-kapital jista' jgħin ditti tal-awditjar iżgħar biex inaqqsu d-differenza għan-netwerks internazzjonali ewlenin, ir-rapporteur għal opinjoni huwa xettiku dwar it-tnejħija ta' rekwiżiti dwar id-drittijiet tal-votazzjoni b'maġġoranza li trid issir mill-awdituri statutorji. Li l-partijiet terzi jkunu permessi d-drittijiet ta' votazzjoni b'maġġoranza f'ditti tal-awditjar tirriskja li l-indipendenza tal-professjoni tiġi kompromessa.

Finalment, filwaqt li r-rapporteur għal opinjoni ma ressaqx emendi f'dan ir-rigward, huwa jħeġġeġ li jerġa' jitqies jekk tal-anqas partijiet mir-Regolament propost għandhomx jiġu integrati mill-ġdid fid-Direttiva eżistenti. Ma' dan l-isfond ta' ofqsa ta' governanza korporattiva li jvarjaw, Regolament jaf ma jkunx l-aħjar strument u d-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jadattaw ir-regoli għall-qafas legali nazzjonali tagħhom. Dan huwa l-każ partikolarmen għad-dispożizzjonijiet dwar il-kumitat tal-awditjar. Barra minn hekk, għalkemm ir-rekwiżiti tal-awditjar għandhom fil-prinċipju jkunu oħla fil-każ tal-entitajiet ta'

interess pubbliku, tal-anqas ir-rekwiżiti ta' indipendenza ġenerali fiż-żewġ strumenti jistgħu jiġu allinjati.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Huwa importanti li tīgi żgurata kwalità għolja tal-awditi statutorji fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, l-awditi statutorji kollha għandhom jitwettqu fuq il-bażi tal-istands internazzjonali tal-awditjar li huma parti mill-Proġett ta' Kjarifika maħruġ mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC – International Federation of Accountants) fl-2009 sa fejn jgħoddu għall-awditjar statutorju. L-Istati Membri għandhom *jitħallew* jimponu proċeduri jew rekwiżiti nazzjonali addizzjonali ta' awditjar biss jekk dawn jirriżultaw minn rekwiżiti ġuridiċi nazzjonali speċifiċi relatati mal-ambitu tal-awditjar statutorju tar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati, jiġifieri dawk ir-rekwiżiti ma ġewx koperti *ml-istands internazzjonali* tal-awditjar adottati, u biss jekk dawn iżidu l-kredibilità u l-kwalità tar-rapporti finanzjarji annwali u r-rapporti finanzjarji konsolidati u jwasslu għall-ġid komuni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tkompli tkun involuta fil-monitoraġġ tal-kontenut u tal-proċess ta' adożzjoni tal-istands internazzjonali tal-awditjar mill-IFAC.

Emenda

(7) Huwa importanti li tīgi żgurata kwalità għolja tal-awditi statutorji fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, l-awditi statutorji kollha għandhom jitwettqu fuq il-bażi tal-istands internazzjonali tal-awditjar li huma parti mill-Proġett ta' Kjarifika maħruġ mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC – International Federation of Accountants) fl-2009 sa fejn jgħoddu għall-awditjar statutorju. L-Istati Membri għandhom *jevitaw milli* jimponu proċeduri jew rekwiżiti nazzjonali addizzjonali ta' awditjar, *bil-kundizzjoni li dan għandu jkun permissibbli* biss jekk dawn jirriżultaw minn rekwiżiti ġuridiċi nazzjonali speċifiċi relatati mal-ambitu tal-awditjar statutorju tar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati, jiġifieri dawk ir-rekwiżiti ma ġewx koperti *mill-istands internazzjonali* tal-awditjar adottati, u biss jekk dawn iżidu l-kredibilità u l-kwalità tar-rapporti finanzjarji annwali u r-rapporti finanzjarji konsolidati u jwasslu għall-ġid komuni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tkompli tkun involuta fil-monitoraġġ tal-kontenut u tal-proċess ta' adożzjoni tal-istands internazzjonali tal-awditjar mill-IFAC.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Xi Stati Membri issostitwixxew l-auditjar statutorju ta' impriżi żgħar b'eżami limitat tar-rapporti finanzjarji tagħhom. Ikun xieraq li dawn l-Istati Membri jitħallew iżommu din il-prattika minflok ma jipprovdu għal applikazzjoni proporzjonata tal-istandardi tal-auditjar għall-impriżi ż-żgħar.

Emenda

(14) Xi Stati Membri issostitwixxew l-auditjar statutorju ta' impriżi żgħar b'eżami limitat tar-rapporti finanzjarji tagħhom. Ikun xieraq li dawn l-Istati Membri jitħallew iżommu din il-prattika minflok ma jipprovdu għal applikazzjoni proporzjonata tal-istandardi tal-auditjar għall-impriżi ż-żgħar. **L-Istati Membri li fit-territorju tagħhom għadu jeżisti rekwiżit tal-auditjar statutorju għal imprezi żgħar għandhom jivvalutaw il-possibilitajiet li jissostitwixxu dan b'reżami limitat tar-rapporti finanzjarji tagħhom.**

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt d

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – paragrafu 13 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) fondi ta' investimenti alternativi tal-UE kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1)(k) tad-Direttiva 2011/61/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***;**

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Dawn l-entitajiet mhumiex kumpaniji ordinarji imma strumenti tal-investiment f'id banek ta' kustodja (li għandhom jibqgħu entitajiet pubbliċi-privati (PIEs) skont l-ittra f) u i)) u għalhekk m'għandhomx jiġu klassifikati bħala PIEs. Barra minn hekk, l-interess pubbliku fl-audit ta' dawn l-entitajiet huwa pjuttost limitat, mhux l-inqas għax dawn huma soġġetti għal regolamentazzjoni nazzjonali riċida, li jispjega r-raġuni għalfejn il-valur miżjud tal-audit i tal-PIEs huwa limitat u sproporzjonat fir-rigward tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv li dan ikun jinvolvi.

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt d

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 2 – paragrafu 13 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(h) impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS – undertakings for collective investment in transferable securities) kif iddefiniti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*****); imħassar*

Ġustifikazzjoni

Dawn l-entitajiet mhumiex kumpaniji ordinarji imma strumenti tal-investiment f'id banek ta' kustodja (li għandhom jibqgħu entitajiet pubbliċi-privati (PIEs) skont l-ittra f) u i)) u għalhekk m'għandhomx jiġi klassifikati bħala PIEs. Barra minn hekk, l-interess pubbliku fl-awditi ta' dawn l-entitajiet huwa pjuttost limitat, mhux l-inqas għax dawn huma soġġetti għal regolamentazzjoni nazzjonali riġida, li jispjega r-raġuni għalfejn il-valur miżjud tal-awditi tal-PIEs huwa limitat u sproporzjonat fir-rigward tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv li dan ikun jinvolvi.

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3 – punt b – punt i

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4 – l-ewwel subparagrafu – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) imħassar
huwa mneħħi;*

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li l-possibilità ta' aċċess aħjar għall-kapital għandha l-vantaġġi tagħha, id-ditti tal-awditjar, minħabba n-natura tal-kompieti tagħhom, għandhom jibqgħu indipendenti mill-partijiet interessati barra mill-professjoni. Għalhekk, id-dispożizzjoni rigward il-maġġoranza tad-drittijiet tal-votazzjoni għandhom jerġgħu jiddaħħlu.

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3 – punt b – punt iii

Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(iii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit
b'dan li ġej:*

L-Istati Membri jistgħu ma jistabilixxu kundizzjonijiet addizzjonali relatati ma' dawn il-punti. L-Istati Membri ma għandhomx jitħallew jeħtieġu li ammont minimu ta' kapital jew ta' drittijiet tal-vot f'ditta tal-awditjar ikun ta' awdituri statutorji jew ta' ditti tal-awditjar.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Parti terza li tikkontrolla d-drittijiet tal-votazzjoni u l-investiment f'ditti tal-awditjar taf tikkomprometti l-indipendenza tagħhom. Għalhekk, ir-regoli eżistenti f'dan ir-rigward m'għandhomx jinbidlu.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 32 għandhom jistabilixxu proċeduri għall-approvazzjoni ta' awdituri statutorji li ġew approvati fi Stati Membri oħra. Dawn il-proċeduri għandhom jikkonformaw mal-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2005/36/KE u ma għandhomx imorru lil hinn mir-rekwiżiti li jinstabu fl-Artikoli 13 u 14 ta' dik id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-approvazzjoni ta' awdituri statutorji li jkunu ġew approvati fi Stati Membri oħra. Dawn il-proċeduri għandhom jikkonformaw mal-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2005/36/KE u ma għandhomx imorru lil hinn mir-rekwiżiti li jinstabu fl-Artikoli 13 u 14 ta' dik id-Direttiva.

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test proposi mill-Kummissjoni

It-test tal-apitudni għandu jitwettaq f'waħda mil-lingwi **permessa mir-regoli dwar il-lingwi applikabbli fl-Istat** Membru **konċernat**. Għandu jkopri biss l-għarfien adegwat tal-awditar statutorju dwar il-liġijiet u r-regolamenti ta' dak l-Istat Membru f'dak li jkun relevanti għall-awditi statutorji.

Emenda

It-test tal-apitudni għandu jitwettaq f'waħda mil-lingwi **uffiċċali tal-Istat** Membru **ospitanti**. Għandu jkopri biss l-għarfien adegwat tal-awditar statutorju dwar il-liġijiet u r-regolamenti ta' dak l-Istat Membru f'dak li jkun relevanti għall-awditi statutorji.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11 – sottopunt a

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 22 – paragrafu 1

Test proposi mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jitwettaq awditjar statutorju, l-awditar statutorju u/jew id-ditta tal-awditjar **u kwalunkwe detentur tad-drittijiet tal-vot fid-ditta tal-awditjar ikunu indipendenti mill-entità awditjata u ma jkunux involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-entità awditjata.**

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jitwettaq awditjar statutorju, l-awditar statutorju u/jew id-ditta tal-awditjar **jieħdu l-passi kollha neċċesarji biex jiżguraw li l-indipendenza ma tkunx kompromessa minn relazzjonijiet finanzjarji, personali, tan-negożju jew tal-impjieg, jew relazzjonijiet oħra jnvolvu l-awditar statutorju, id-ditta tal-awditjar, id-ditti u n-netwerks affiljati tagħha, u kwalunkwe persuna fiżika oħra f'pożizzjoni li tinfluwenza r-riżultat tal-awditi statutorju.**

Ġustifikazzjoni

Għalkemm ir-rekwiżiti għall-awditjar statutorju tal-enitat jiet ta' interess pubbliku huma aktar estensivi, l-istandardi bażiċi għall-indipendenza għandhom ikunu l-istess. L-emenda għalhekk tallin ja l-artikolu tal-indipendenza fid-Direttiva mal-artikolu emendant korrispondenti fir-Regolament PIE.

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 11 – punt aa (ġdid)

Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 22 – paragrafu 2 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(aa) fil-paragrafu 2, l-ewwel
subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*

'L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awditur statutorju jew ditta tal-awditjar m'għandhomx iwettqu awditi statutorju jekk parti terza oġġettiva, raġonevoli u infurmata tikkonkludi li l-indipendenza tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar hija kompromessa.

Jekk l-indipendenza tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar tkun affettwata minn theddid, bħal rieżami proprju, interess personali, ir-rakkommandazzjoni, il-familjarità jew il-fiduċja jew l-intimidazzjoni, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar iridu japplikaw salvagwardji sabiex jittaffa dan it-theddid. Jekk ir-rilevanza tat-theddid meta mqabbel mas-salvagwardji applikati huwa tali li l-indipendenza tagħhom tkun kompromessa, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar m'għandhomx iwettqu awditi statutorju.'

Ġustifikazzjoni

Bidla skont l-emenda preċedenti fejn jiġu inklużi l-elementi mħassra mill-paragrafu 2.

Emenda 11

Proposta għal direktiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ‘standards internazzjonali tal-awditjar’ tfisser Standards Internazzjonali tal-Auditjar (ISAs – “International Standards

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ‘standards internazzjonali tal-awditjar’ tfisser Standards Internazzjonali tal-Auditjar (ISAs – “International Standards

on Auditing") u *d-Dikjarazzjoni* u l-
istards relatati *li huma parti mill-*
Proġett ta' Kjarifika maħruġ mill-
Federazzjoni Internazzjonali tal-
Kontabilisti (IFAC – “International
Federation of Accountants”) fl-2009 safejn
huma relevanti *għall-verifika statutorja.*

on Auditing") u *d-Dikjarazzjoni* u l-
istards relatati *adottati u ppubblikati*
mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-
Kontabilisti (IFAC – “International
Federation of Accountants”) safejn huma
relevanti *għall-awditjar statutorju u huma*
disponibbli fil-lingwi ta' ħidma tal-Unjoni
Ewropea.

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 14 – punt a – punt ii

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) l-eżaminazzjonijiet tal-garanzija tal-
kwalità għandhom ikunu adatti u
proporzjonati rigward l-iskala u ***d-***
dimensjoni tal-attività tad-ditta tal-awditjar
jew tal-awditur statutorju eżaminati.’;

Emenda

(k) l-eżaminazzjonijiet tal-garanzija tal-
kwalità għandhom ikunu adatti u
proporzjonati rigward l-iskala u ***l-***
kumplessità tad-ditta tal-awditjar jew tal-
awditur statutorju eżaminati ***u l-entitajiet***
awditjati.’;

Ġustifikazzjoni

*Il-formulazzjoni oriġinali tidher li tissuġġerixxi li ditti tal-awditjar akbar ikunu jeħtieġu
rieżamijiet tal-kwalità aktar dettaljati. Madankollu, mhuwiex neċċessarjament id-daqs tad-
ditta tal-awditjar li għandu jkun deċiżiv. Bil-maqlub, huma d-daqs u l-kumplessità tal-
entitajiet awditjati li jistgħu jeħtieġu rieżami aktar dettaljat tal-assigurazzjoni tal-kwalità billi
l-awditjar huwa aktar ikkumplikat u l-konsegwenzi ta' awditjar ta' kwalità baxxa jistgħu jkunu
aktar estensivi.*

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 14 – punt a – punt iii

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtorità kompetenti msemmija fl-
Artikolu 32 għandha trendi disponibbli r-
rapport imsemmi fil-punt (g) tal-ewwel
subparagrafu għall-partijiet interessati. L-
awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-
awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu
32 għandha trendi disponibbli r-rapport
imsemmi fil-punt (g) tal-ewwel
subparagrafu għall-partijiet interessati. L-

rapport divulgat ma jxekkilx l-interessi kummerċjali tal-entità awditjata taħt eżami, inkluża l-proprjetà industrijali u intellettuali tagħha.

awtorità kompetenti għandha tiżgura li rapport divulgat ma jxekkilx l-interessi kummerċjali tal-entità awditjata taħt eżami, inkluża l-proprjetà industrijali u intellettuali tagħha.

Ġustifikazzjoni

Il-kontenut tar-rapporti ta' spezzjoni jvarja bejn Stat Membru u ieħor. Ċerti rapporti jista' jkollhom informazzjoni sensittiva li ma tridx tiġi divulgata lill-pubbliku, għalhekk f'dan il-każ isir rappurtar aggregat dwar l-eżamijiet mill-ġdid tal-assigurazzjoni tal-kwalitā tal-professjoni tal-awditjar lokali sħiħa kif stipulat f'(i). L-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu kapaċi jadattaw din id-dispożizzjoni skont il-kuntest nazzjonali tagħhom.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 15 – sottopunt b

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil dawk li ma jipprattikawx *il-professjonali* li jkollhom għarfien dwar l-oqsma relevanti għall-awditjar statutorju sabiex ikunu involuti fil-governanza tas-sistema ta' sorveljanza pubblika, jekk jintgħażlu skont proċedura ta' nomina indipendenti u trasparenti. Dawk li jipprattikaw **ma għandhomx jitħallew inkunu** involuti fil-governanza tas-sistema ta' sorveljanza pubblika.';

Emenda

3. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil dawk li ma jipprattikawx *il-professjoni* li jkollhom għarfien dwar l-oqsma relevanti għall-awditjar statutorju sabiex ikunu involuti fil-governanza tas-sistema ta' sorveljanza pubblika, jekk jintgħażlu skont proċedura ta' nomina indipendenti u trasparenti. **Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li minoranza ta'** dawk li jipprattikaw **inkunu** involuti fil-governanza tas-sistema ta' sorveljanza pubblika.';

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 15 – sottopunt d

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 32 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtorità kompetenti għandu jkollha ddritt, fejn neċċesarju, li tibda u twettaq

Emenda

L-awtorità kompetenti għandu jkollha ddritt, fejn neċċesarju, li tibda u twettaq

investigazzjonijiet relatati mal-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar u d-dritt li tieħu l-azzjoni xierqa. Għandu jkollha riżorsi adegwati sabiex tibda u twettaq investigazzjonijiet bħal dawn.

investigazzjonijiet relatati mal-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar u d-dritt li tieħu l-azzjoni xierqa. Għandu jkollha riżorsi adegwati sabiex tibda u twettaq investigazzjonijiet bħal dawn, *li jistgħu jieħdu l-forma ta' kontribut obbligatorju min-naħħa tal-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar proporzjonat mal-attività ta' awditu tagħhom.*

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 15 – sottopunt e

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 32 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) **L-awtorità** kompetenti għandha tkun trasparenti. Din għandha tinkludi l-pubblikkazzjoni tal-programmi annwali ta' ħidma u r-rapporti tal-attività’.

Emenda

(6) **L-attivitàajiet tal-awtorità** kompetenti għandha tkun trasparenti. Din għandha tinkludi l-pubblikkazzjoni tal-programmi annwali ta' ħidma u r-rapporti tal-attività’.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 16

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 32a (ġdid) – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 32 sabiex tiddelega kompiti lil awtoritajiet jew korpi oħra maħtura skont il-liġi **biss fir-rigward tal-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-awdituri statutorji u tad-ditti tal-awditjar**. Kwalunkwe twettiq tal-kompeti minn awtoritajiet jew korpi oħra għandha tkun espressament iddelegata mill-awtorità kompetenti. Id-delega għandha tispeċifika l-kompeti ddelegati u l-kundizzjonijiet skont liema għandhom

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 32 sabiex tiddelega **ċerti** kompeti lil awtoritajiet jew korpi oħra maħtura skont il-liġi. Kwalunkwe twettiq tal-kompeti minn awtoritajiet jew korpi oħra għandha tkun espressament iddelegata mill-awtorità kompetenti. Id-delega għandha tispeċifika l-kompeti ddelegati u l-kundizzjonijiet skont liema għandhom jitwettqu. L-awtoritajiet jew il-korpi għandhom jiġu organizzati b'tali mod li ma

jitwettqu. L-awtoritajiet jew il-korpi għandhom jiġu organizzati b'tali mod li ma jkunx hemm kunflitti ta' interessa. Ir-responsabilità finali għas-superviżjoni tal-konformità ma' din id-Direttiva u mal-miżuri ta' implementazzjoni adottati skont din id-Direttiva għandha tkun tal-awtorità kompetenti li tiddelega.

jkunx hemm kunflitti ta' interessa. Ir-responsabilità finali għas-superviżjoni tal-konformità ma' din id-Direttiva u mal-miżuri ta' implementazzjoni adottati skont din id-Direttiva għandha tkun tal-awtorità kompetenti li tiddelega.

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu permessi sistemi ta' sorveljanza deċentralizzati kif jeżistu attwalment f'numru ta' Stati Membri, l-awtorità kompetenti, filwaqt li tibqa' l-punt ċentrali u responsabbli, għandha tkun kapaċi tiddelega l-kompli lil awtoritajiet u korpi oħrajn.

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 17a (ġdid)

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

17a. Fl-Artikolu 37, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-awditar statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jinhātru fil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti jew tal-membri tal-entità awditjata għal involviment inizjali li m'għandux ikun inqas minn tliet snin.'

Ġustifikazzjoni

Perjodu itwal ta' involviment tal-awditu inizjali jsahħħah l-indipendenza tal-awditur.

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 25

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 48 a (ġdid) - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 8(3), 22(4), 26(3),

(2) Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 8(3), 22(4), 26(3),

29(2), 36(7), 45(6), 46(2), 47(3) u 47(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal ***perjodu ta' żmien indeterminat*** minn [data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

29(2), 36(7), 45(6), 46(2), 47(3) u 47(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal ***ħames snin*** minn [data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa sa mhux aktar tard minn disa 'xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiżza b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 2a Kodifikazzjoni tad-Direttiva

Din id-Direttiva għandha tiġi kodifikata mad-Direttiva li din temenda fī żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ tagħha.

PROĊEDURA

| | |
|---|--|
| Titolu | Emenda tad-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati |
| Referenzi | COM(2011)0778 – C7-0461/2011 – 2011/0389(COD) |
| Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI 13.12.2011 |
| Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE 13.12.2011 |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Jürgen Creutzmann 14.2.2012 |
| Eżami fil-kumitat | 8.10.2012 |
| Data tal-adozzjoni | 29.11.2012 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: 42 5 2 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Reinhard Büttikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Dimitrios Droutras, Vicky Ford, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Alejo Vidal-Quadras |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Antonio Cancian, Ioan Enciu, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Seán Kelly, Zofija Mazej Kukovič, Alajos Mészáros, Vladimír Remek, Silvia-Adriana Țicău, Henri Weber |

PROĊEDURA

| | | | | |
|---|---|---------------|-----------|------------|
| Titolu | Emenda tad-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati | | | |
| Referenzi | COM(2011)0778 – C7-0461/2011 – 2011/0389(COD) | | | |
| Data meta ġiet ipreżentata lill-PE | 30.11.2011 | | | |
| Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI 13.12.2011 | | | |
| Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON | ITRE | IMCO | 13.12.2011 |
| Opinjoni(jet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni | IMCO 29.2.2012 | | | |
| Rapporteur(s) Data tal-ħatra | Sajjad Karim 21.11.2011 | | | |
| Rapporteur(s) preċedenti | Syed Kamall | | | |
| Eżami fil-kumitat | 1.3.2012 | 10.7.2012 | 18.9.2012 | 27.11.2012 |
| | 22.1.2013 | | | |
| Data tal-adozzjoni | 25.4.2013 | | | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: | 15 10 0 | | |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Dimitar Stoyanov, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka | | | |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Piotr Borys, Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, József Szájer | | | |
| Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | John Stuart Agnew, Sylvie Guillaume, Jürgen Klute, Jacek Olgierd Kurski, Andrés Perelló Rodríguez | | | |
| Data tat-tressiq | 14.5.2013 | | | |